QORTI CIVILI PRIM`AWLA

Onor. Imhallef
Joseph Zammit McKeon

Illum it-Tlieta 30 ta` Mejju 2017

Kawza Nru. 4
Rik. Gur. Nru. 614/09 JZM

Mario Dingli

*kontra*

Il-Kummissarju tal-Artijiet,

L-Awtorita` dwar it-Trasport,
*u* b`digriet tat-18 ta` Ottubru 2010 l-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta assumiet l-atti minflok l-Awtorita` dwar it-Trasport,

Direttur tat-Toroq,

*u*

l-Avukat Generali *u* L-Awtorita` ghall-Ambjent u l-Ippjanar ghal kull interess li jista` jkollhom,
*u* b`digriet tal-14 ta` Gunju 2016 l-isem Awtorita` ghall-Ambjent u l-Ippjanar kien sostitwit b`Awtorita` tal-Ippjanar

Il-Qorti :

## I. Preliminari

Rat ir-rikors guramentat prezentat fit-23 ta` Gunju 2009 li jaqra hekk :–

*1. lli r-rikorrenti Mario Dingli akkwista c-cens perpetwu ta` hamsin lira Maltija (Lm50) fis-sena tal-proprjeta` ossia art f'San Gwann formanti parti mill-artijiet maghrufa `Ta` Vennun` mis-socjeta` Dingli Estates Limited permess ta` att pubbliku datat l-1 ta` Novembru 1991 fl-atti tan-Nutar Clyde La Rosa; [Hawn anness bhala Dokument `A`]*

*2. U Billi l-esponenti feda c-cens u ghalhekk akkwista wkoll id-dirett dominju fuq l-istess proprjeta` permess ta` cedola pprezentata fil-15 ta` Frar 1994; [Hawn anness bhala Dokument `B`]*

*3. U Billi parti zghira minn dina l-istess art, tal-kejl ta` madwar 25 metru giet esproprjata mill-Gvern permezz ta` Dikjarazzjoni tal-President numru 667/1995 ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-31 ta` Ottubru 1995 (l-art giet indikata fil-pjanta LD 161/95) u dana sabiex jinbena water culvert; [Hawn anness bhala Dokument `C]*

*4. U Billi din il-bicca art kienet tifforma l-mertu ta` kawza quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet bl-ismijiet Kummissarju tal-Art* **vs** *Mario Dingli et (numru 22/2003) deciza finalment fl-14 ta` Frar 2008, u r-rikorrenti thallas kumpens ghal dik l-art nhar il-29 ta` Settembru 2008;*

*5. U Billi fil-fatt l-esponenti sofra esproprju ikbar peress li effettivament sabiex jinbena l-water culvert in kwistjoni, l-intimati jew min minnhom hadu iktar art minn dak indikat fl-espropprazzjoni u dana billi l-kuntratturi inkarigati mix-xoghlijiet bnew fetha fit-triq flimkien mal-water culvert, liema fetha hija ndikata bil-kulur isfar fil-pjanta hawn annessa bhala Dokument E u tifred il-proprjeta` tal-esponenti f'bicctejn;*

*6. U Billi ghalhekk l-art mehud mill-Gvern ghall-water culvert u t-triq kellha l-kejl ta` mitejn u hdax-il metru kwadru (211 mk) u kif inhu ndikat fis-survey hawn anness bhala Dokument F mentri filfatt gie esproprjat formalment u thallas biss 25 metru kwadru;*

*7. U Billi ghalkemm ir-rikorrent interpella l-intimati bosta drabi tul is-snin sabiex jiehdu l-passi biex jibdew il-proceduri u biex il-proprjeta` mehuda*

*illegalment jigi rilaxxat (inkluz b`ittra ufficjali tal-1 ta` Settembru 2008 hawn anness bhala Dokument G) l-istess intimat baqa` inadempjenti;*

*8. U Billi filfatt l-intimati ghadhom sal-lum ma ddikjarawx li hemm xi htiega pubblika ghal dik il-fetha;*

*9. U Billi r-rikorrenti ghandu l-ikbar interess li jiehu l-pussess pjen u pacifiku tal-proprjeta` tieghu;*

*10. U Billi iktar minn hekk it-tehid tal-proprjeta` fuq riferita holqot diversi danni lill-esponenti billi huwa kellu permess validu ghall-izvilupp mahrug mill-Awtorita` tal-Ippjanar sabiex jizviluppa l-art in kwistjoni, izda wara li nbniet il-fetha tat-triq din il-permess ma setatx tigi attwata u fil-fatt giet revokata u ghalhekk ir-rikorrenti tilef il-flus li kien hallas lill-MEPA ammontanti ghal Lm3152 (inkluz building levy, Main Sewer Contribution u Street Contribution ta` Lm3092.50 – kopja ta` liema hija hawn annessa bhala Dokument H) ;*

*11. U Billi ghalhekk l-esponent soffra diversi danni ngenti rizultanti min-nuqqas ta` zvilupp tal-proprjeta` tieghu, inkluz diversi spejjez li thallsu inutilment ghall-permess;*

*12. U Billi jirrizulta li l-fuq espost sar biss ghall-interess specifiku u privat u mhux ghall-interess pubbliku*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti toghgobha, previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, illi tipprovdi lir-rikorrenti b`kull rimedju li jidhrilha xieraq u opportun, inkluz billi:*

*(1) Tiffissa terminu qasir u perentorju f`liema l-intimati jew min minnhom ikunu obbligat sabiex jirrilaxxjaw il-proprjeta` in kwistjoni,*

*(2) Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti mill-fuq premess u tikkundanna l-istess intimati jew min minnhom biex ihallsu d-danni lir-rikorrenti.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta` Gunju 2008 kontra l-istess intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.*

Rat l-elenku ta` dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata tal-Kummissarju tal-Artijiet li kienet prezentata fil-21 ta` Lulju 2000 li taqra hekk :–

*1. Illi fil-15 ta` Lulju 2009 l-esponent gie notifikat bir-rikors mahluf tar-rikorrenti li jittratta l-espropjazzjoni permezz tad-dikjarazzjoni tal-President Nru. 667 fil-Gazzetta tal-Gvern tal-31 ta` Ottubru 1995.*

*2. Illi permezz ta` dik id-dikjarazzjoni giet esproprjata bicca art tal-kejl ta` 25 metru kwadru kif muri fil-pjanta L.D. 161/95 hawn annessa u mmarkata Dok AM1.*

*3. Illi din l-art giet espropjata fuq talba tad-Dipartiment tat-Toroq biex jinbena "water culvert".*

*4. Illi ghalhekk, preliminarjament, il-Kummissarju tal-Artijiet mhuwiex il-legittimu kontradittur fil-hames, is-seba` u l-ghaxar talba attrici stante li l-istess Kummissarju tal-Artijiet jidderigi l-esproprju hekk kif mitlub minn dipartimenti ohra u fl-ebda moment ma jkun parti mid-decizjoni dwar liema xoghlijiet ghandhom isiru u l-medda ta` art mehtiega ghat-twettiq ta` progetti.*

*5. Illi dwar is-seba` talba attrici, il-Kummissarju tal-Artijiet jirrileva li l-art li r-rikorrenti qed jallegaw li giet okkupata waqt it-twettiq tax-xoghlijiet qatt ma kienet fil-pussess u mhix proprjeta` tal-Kummissarju tal-Artijiet u ghaldaqstant m`hemmx lok u lanqas skop li din l-istess art tigi rilaxxata minnu.*

*6. Illi, preliminarjament l-azzjoni ghad-dikjarazzjoni ta` responsabbilita` ta` danni hija preskritta skont it-termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*7. Illi ghaldaqstant, fid-dawl ta` dak diga` premess u skont it-termini tal-Artikolu 1031 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu".*

*8. Illi l-Kummissarju tal-Artijiet fl-ebda mument ma kien parti mix-xogholijiet li twettqu u ghalhekk m`ghandux jinzamm responsabbli ghad-danni jew hsara ta` kwalunkwe tip li jistghu jkunu saru stante illi jekk gew ikkawzati xi hsarat fuq l-art in kwistjoni dawn saru minn terzi u mhux mill-esponenti.*

*9. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

*10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Generali li kienet prezentata fit-28 ta` Lulju 2009 li taqra hekk :–

*1. Illi preliminarjament l-Avukat Generali mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u dan a tenur tal-artikolu 181B tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta u anki ghaliex :*

*(i) l-izvilupp jew xoghlijiet fit-toroq ta` Malta ma taqax fil-mansjonijiet u r-responsabbiltajiet tieghu ;*

*(ii) l-art imsemmija fir-rikors promotur qatt ma kienet fil-pussess tieghu u konsegwentement ma jistax jirrilaxxa proprjeta` li mhiex f'idejh ; u*

*(iii) ghaldaqstant huwa ma jistax jinzamm responsabbli ghal xi danni li allegatament sofra l-attur.*

*2. Illi preliminarjament ukoll il-kariga ta` Direttur tat-Toroq m`ghadhiex tezisti. Il-mansjonijiet u r-responsabbiltajiet ta` tali kariga gew assorbiti mill-Awtorita` ta Malta dwar it-Trasport.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea preliminari, ir-rikorrent ghandu jipprova t-titolu tieghu fuq il-proprjeta` mertu tal-vertenza odjerna.*

*4. Illi l-esponent jichad b`mod kategoriku kwalunkwe allegazzjoni li tressqet min-naha tar-rikorrent kemm fil-premessi; kif ukoll fit-talbiet tieghu fir-rikors promotur bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*5. Illi bla hsara ghall-premess, l-azzjoni tar-rikorrenti ghad-dikjarazzjoni ta` danni hija preskritta skont it-termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta guramentata tal-Awtorita` ghat-Trasport f` Malta li kienet prezentata fit-30 ta` Lulju 2009 li taqra hekk :–

*1. Illi in linea preliminari, ir-rikorrenti kellu a dispozizzjoni tieghu rimedju quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet qabel ma ntavola dan ir-rikors quddiem din l-Onorabbli Qorti.*

*2. Illi sussidjarjament u in linea preliminari minghajr pregudizzju ghall-premess, l-argument li r-rikorrent soffra diversi danni ngenti rizultanti min-nuqqas ta` zvilupp tal-proprjeta` tieghu u li hallas spejjez inutilment ghall-permess ghall-izvilupp, ma taqax taht il-kompetenza ta` din l-Onorabbli Qorti peress illi se mai hija kwistjoni li setghet tqajmet quddiem il-Bord tal-Artijiet dwar l-Arbitragg billi dan il-permess twaqqaf minhabba l-bini tal-water culvert (Fil-fatt anke fit-talba numru 4 quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-ippjanar fil-kawza deciza fit-2 ta` Ottubru 2002, ir-rikorrenti allega s-segwenti: "Jidher li wara li nhareg il-permess tal-appellant u wara li kienu bdew ix-xoghlijiet gie deciz mid-dipartiment tat-toroq li jibni water culvert u triq li ma taghti ghal imkien fuq il-proprjeta` tieghu u dana allegatament a bazi ta` scheme li mill-fatti jidher li giet abbandunata.") u l-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet diga` ddeterminat il-kumpens ghal tali tehid, liema kumpens ma giex ikkuntest.*

*Inoltre u bla pregudizzju ghall-premess, anke kieku din l-Onorabbli Qorti kellha tiddeciedi li din il-kwistjoni taqa` taht il-kompetenza taghha, kulma sar sar ghal skopijiet pubblici u ghaldaqstant l-Awtorita` intimata m`ghandha tbati ebda hlas ta` danni; u fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrenti ghad ghandu jipprova u jikkwantifika d-diversi danni ngenti li sofra rizultanti min-nuqqas ta` zvilupp tal-proprjeta` tieghu.*

*3. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.*

*4. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-Awtorita` intimata mhix l-entita` li taffetwa l-proceduri necessarji sabiex tkun tista` ssehh l-esproprijazzjoni rikjesta minnha.*

*5. Illi bla pregudizzju ghall-premess, ta` interess huwa dak li nghad mill-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar fil-kaz fl-ismijiet Mario Dingli kontra l-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, deciza fit-2 ta` Ottubru 2002. F'dan il-kaz - li gie deciz qabel ma gie ntavolat il-kaz quddiem il-Bord ta` Arbitragg dwar l-Artijiet – a pagna 6 jinghad :*

> *"Mix-xhieda prodotta da parti tal-Awtorita` u minn ezami tad-dokumenti prodotti, jirrizulta illi fis-Sittinijiet, diga` kienet giet imfassla u approvata triq li taghti minn Triq Regjonali ghal gewwa dik li llum maghrufa bhala Triq il-Kokka. Din it-triq kienet tghaddi minn go bicca art proprjeta` tal-Klarissi li ghandhom il-monasteru taghhom magemb l-istess art u tizbokka fi Triq il-Kokka b'tali mod illi s-sit tal-appellant giet kantuniera. Fil-1969, din it-triq ma baqghetx tidher fl-iskemi ghalkemm dik il-parti li tghaddi magemb is-sit tal-appellant baqghet hemm, possibbilment sabiex jinghata access lill-art proprjeta` tal-Klarissi. Is-sitwazzjoni ufficjali baqghet hekk proprju sal-gurnata tal-lum fis-sens illi hemm cul-de-sac zghira li taghti access minn Triq il-Kokka ghall-art tal-Klarissi u ghalhekk il-linja tal-bini kienet iddur mas-sit tal-appellant peress illi din saret kantuniera."*

*Ghaldaqstant jidher ukoll illi mhuwiex minnu li "l-kuntratturi nkarigati mix-xoghlijiet bnew fetha fit-triq flimkien mal-water culvert, liema fetha..... tifred il-proprjeta` tal-esponenti f'bicctejn." peress illi diga` kien hemm fetha li taghti access minn Triq il-Kokka u li ghalhekk kienet tifred il-proprjeta` tal-esponenti. L-Awtorita` intimata kull ma ghamlet kien li mxiet skond l-iskema tal-MEPA.*

*6. Illi bla pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrenti ghad ghandu jistabbilixxi kemm il-metru kwadru allegatament ittehditlu peress illi hemm bosta figuri fis-sens illi fil-process quddiem il-Bord ta` Arbitragg dwar l-Artijiet, fl-affidavit tal-Perit Michael Attard hawn fuq imsemmi qal a paragrafu 3: "...wara li bnew il-Water culvert bnew triq ukoll fuq l-art... Il-kejl ta` dan l-art huwa ta` mija u disghin metro kwadru (190)." Umbaghad fl-ittra ufficjali ta` Mario Dingli tal-1 ta` Settembru 2008 il-mizura tinbidel ghall-186 (billi tnaqqas 25mk min 211mk). Imbaghad skont id-dokument bl-ittra "F" li pprezenta r-rikorrenti mar-rikors promotorju jinghad illi "Area taken for public road – 173.857m$^2$; Area taken for water culvert – 23.304m$^2$". Ghaldaqstant il-kredibilita` tar-rikorrenti qed jigi kkuntestat ukoll.*

*7. Illi fi kwalunkwe kaz, l-art de quo hija fil-fatt ukoll mehtiega ghall-skopjiet pubblici u l-uzu li sar minnha dejjem kien wiehed legittimu.*

*Bl-ispejjez u salv kull kontestazzjoni ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta guramentata tal-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li kienet prezentata fl-14 ta` Awwissu 2009 li taqra hekk :–

*1. Illi preliminarjament, in kwantu ghat-talbiet tar-rikorrent, l-Awtorita` esponenti teccepixxi l-preskrizzjoni ta` din l-azzjoni fil-konfront taghha u dan a bazi tal-fatt li din l-Awtorita` qatt ma giet interpellata permezz ta` att gudizzjarju hekk kif tistabbilixxi l-ligi.*

*2. Illi ulterjorment u preliminarjament jinghad illi l-Awtorita` ma hijiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u dan stante illi t-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ebda mod ma jinvolvu xi tort lil din l-Awtorita` izda bil-kontra ghax fil-fatt hija kienet hargitlu permess validu fuq l-art in kwistjoni.*

*3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita` esponenti m'ghandhiex il-poter la li tirrilaxxa l-proprjeta` u wisq anqas li thallas danni u dan ghaliex hija qatt ma kienet involuta fil-process tal-espropjar tal-art in kwistjoni.*

*4. Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, it-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda.
Rat id-digriet li tat fil-15 ta` Ottubru 2009 fejn kienet mahtura l-Assistant Gudizzjarju Av. Dr. Natasha Buontempo sabiex tigbor il-provi tal-partijiet, kemm dwar it-talbiet, kif ukoll dwar l-eccezzjonijiet.

Rat il-provi li ngabru mill-Assistant Gudizzjarju.

Rat id-digriet illi tat fit-12 ta` Marzu 2012 fejn kienet mahtura Av. Dr. Anna Mifsud Bonnici bhala perit legali biex tissostitwixxi lill-Assistent Gudizzjarju Av. Dr. Natasha Buontempo wara li din irrizenjat mill-impieg taghha fis-servizz civili.

Rat il-provi li ngabru mill-perit legali.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li pprezentaw il-partijiet quddiem il-perit legali wara li nghalaq il-gbir tal-provi.

Rat ir-risposta ulterjuri li pprezentat l-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fil-5 ta` Frar 2015 fejn kienet eccepita l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici in kwantu qed jintalab il-hlas tad-danni bit-trapass ta` sentejn abbazi tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

Rat ir-risposta ulterjuri li pprezentat l-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta fl-24 ta` Marzu 2015 fejn kienet eccepita l-preskrizzjoni tas-sentejn tal-azzjoni attrici in kwantu qed jintalab il-hlas tad-danni abbazi tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16.

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali li kienet ikkonfermata bil-gurament fit-30 ta` Gunju 2015.

Rat in-nota li pprezenta l-attur fit-3 ta` Lulju 2015 fejn talab il-hatra ta` periti addizzjonali.

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta` Setembru 2015, filwaqt illi l-konvenuti kollha rrimettew ruhhom ghar-rapport peritali, l-attur talab li jeskuti lill-perit legali, talba illi kienet milqugha.

Rat ir-risposti bil-miktub tal-perit legali ghad-domandi in eskussjoni bil-miktub li ghamel l-attur.

Rat illi t-talba ghall-hatra ta` periti addizzjonali kienet respinta b`digriet tal-11 ta` Dicembru 2015 wara li kkostatat illi fl-udjenza tal-10 ta` Dicembru 2015 inghalaq il-gbir tal-provi u l-kawza thalliet ghat-trattazzjoni finali.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm li saru fl-udjenza tat-12 ta` Mejju 2016.

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta` Mejju 2016, il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Provi</u>

**Hlief ghall-eskussjoni, il-provi fil-kawza tal-lum ingabru mill-assistent gudizzjarju Av. Dr. Natasha Buontempo u mill-perit legali Av. Dr. Anna Mifsud Bonnici.**

**Fir-relazzjoni taghha, il-perit legali ghamlet gabra tal-provi.**

**Il-Qorti mhijiex sejra taghmel rassenja taghha mill-gdid ta` l-provi – a skans ta` repetizzjoni – billi hija sodisfatta mill-gabra li ghamlet il-perit legali.**

## III. <u>Ir-relazzjoni</u>

### 1. <u>L-eccezzjoni tal-legittimita` tal-persuna</u>

L-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur kienet eccepita mill-konvenuti kollha hlief l-Awtorita` ghat-Trasport f` Malta.

Il-perit legali ghamlet dawn l-osservazzjonijiet :-

***<u>Kummissarju tal-Artijiet</u>***

> *In sintesi, r-rikorrent qieghed jitlob li bicca art li huwa jsostni li tippartjeni lilu tigi ritornata ghandu. Din l-bicca art hija fil-fatt cul-de-sac li taghti access minn Triq il-Kokka ghal naha ta` wara tal-Monasteru tal-Klarissi. Jirrizulta wkoll li f parti minn dan l-cul de sac hemm water culvert. Ghal dak li ghandu x`jaqsam mal-water culvert, din l-bicca art kienet giet espropriata permezz ta` dikjarazzjoni tal-President ta` Malta fil-Gazzetta tal-Gvern datata 26 ta` Ottobru 1995 – Dok C - fejn giet espropriata bicca art tal-kejl ta`*

*25 metri kwadri. Kif irrizulta waqt l-gbir tal-provi, t-talba sabiex tigi espropriata din l-bicca art kienet saret da` parti tal-Roads Department fid-9 ta` Mejju 1995. It-talba ghal espropriazzjoni saret lil Kummissarju tal-Artijiet.*

*Ssir referenza ghal Ordinanza dwar l-Akkwist ta` Art ghal Skopijiet Pubblici. L-Artikolu 2 jfisser illi -*

*"awtorità kompetenti" tfisser il-Kummissarju tal-Art;*

*Imbaghad l-Artikolu 5 jghid –*

*"L-awtorita kompetenti tista takkwista art mehtiega ghal skop pubbliku, sew –*

*(a) b`xiri assolut taghha; jew*
*(b) ghall-pussess u uzu taghha ghal zmien determinat jew matul dak iz-zmien illi l-bzonnijet tal-iskop pubbliku jkunu jitolbu ; jew*
*(c) b`dominju pubbliku :*

*izda wara li l-awtorita kompetneti tkun akkwistat xi art ghall-pussess u uzu jew b`dominju pubbliku il-bdil f dominju pubbliku jew fi proprejta ssoluta tat-titolu li fuqu dik l-art hija mizmuma ghandu dejjem jitqies li huwa akkwist ta` art mehtiega ghal skop pubbliku u li hwua fl-interess pubbliku :*

*izda wkoll, bla hsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 14,15 u 16 awotrita kompetneti tista takkwista art parti b`mod wiehed u part b`mod iehor jew b`ohrajn imsemmija fil-paragrafu 9a), (b) u (c):*

*izda b`dan ukoll illi meta l-art jehtieg li tigi akkwistata ghan-nom u ghal uzu ta` terza persuna ghal skop li ghandu x`jaqsam ma jew iservi ghal interess pubbliku jew utilita pubblika, l-akkwist ghandu f kull kaz, isir b`xiri assolut tal-art."*

*It-talba tar-rikorrent hija sabiex tigi rilaxxjata l-bicca art li issa hija cul-de-sac. Fil-premessi tieghu r-rikorrent qieghed jikkontendi li huwa sofra esproprju ikbar, ghaliex ttiehdet aktar art minn dak li kien indikat fil-espropriazzjoni. Skond l-Artikolu 5 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta` Art ghal Skopijiet Pubblici, ccitat aktar `l fuq, huwa l-Kummissarju tal-Artijiet li ghandu l-poter li jakkwista mmobbli ghal skop pubbliku u jidher ghal Gvern ta` Malta.*

***Illi ghalhekk hija l-umli opinjoni tal-esponenti illi l-Kummissarju tal-Artijiet ghandu jitqies bhala l-legittimu kontradittur.***

(enfasi ta` din il-qorti)

*__Avukat Generali__*

*Ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodici ta` Organizazzjoni u Procedura Civili -*

*(1) Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni :*

*Izda, minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu :*

*(a) kawzi ghall-gbir ta` ammonti dovuti lill-Gvern jistghu f kull kaz isiru mill-Accountant General ;*

*(b) kawzi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta` servizz mal-Gvern jistghu f kull kaz isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni ;*

*(c) kawzi dwar kuntratti ta` provvista jew ta` appalt mal-Gvern jistghu f kull kaz isiru mid-Direttur tal- Kuntratti.*

*(2) L-Avukat Generali jirrapprezenta lill-Gvern f dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern.*

*It-talba tar-rikorrent hija sabiex tigi rilaxxjata l-bicca art li issa hija cul-de-sac. Fil-premessi tieghu r-rikorrent qieghed jikkontendi li huwa sofra esproprju ikbar, ghaliex ttiehdet aktar art minn dak li kien indikat fil-espropriazzjoni. Kif jippremetti r-rikorrent, din l-bicca art diga ffurmat l-mertu ta` kawza quddiem il-Bord ta` l-Arbitragg dwar l-Artijiet, u hemm l-kontradittur tar-rikorrent kien l-Kummissarju tal-Artijiet. Ghalhekk minhabba l-fatt li din l-kawza titratta l-istess bicca art li r-rikorrent qieghed jikkontendi li dwarha sar esproprju akbar milli kien giex ddikjarat, huwa l-Kummissarju tal-Artijiet u mhux l-Avukat Generali, li ghandu jitqies bhala wiehed mill-legitimi kontradditturi.*

*Ghalhekk meta jirrizulta li hemm kap ta` dipartment tal-Gvern li huwa inkarigat mill-materja, l-Avukat Generali m`ghandux jitharrek fil-proceduri.*

***Ghaldaqstant hija l-umli opinjioni tal-esponenti illi l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali ghandha tintlaqa u ghalhekk ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.***

(enfasi ta` din il-qorti)

***<u>Awtorita ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar</u>***

*L-Awtorita eccepiet illi mihiex l-legittimu kontradittur minhabba l-fatt illi t-talbiet tar-rikorrent bl-ebda mod ma jinvolvu xi tort li seta kellha l-Awtorita, izda bil-kontra u dan minhabba l-fatt li l-Awtorita harget permess validu fuq l-art in kwistjoni.*

*Dwar l-interess guridiku, ssir referenza ghal principji li gew enunzjati mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **<u>Saviour Scerri et vs Salvu Farrugia et</u>** deciza fil-1 ta` Ottobru 2002, fejn il-Qorti qalet –*

*Illi l-konvenuti eccepew preliminarjament in-nuqqas ta` nteress guridiku da parti ta` l-atturi u bhala konsegwenza ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.*

*Illi fis-sentenza **"Onor. E. Fenech Adami vs Dr. George Abela et"** (A.C. (JSP) – 6 ta` Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII. Ii.331) l-Onorabbli Qorti tal-Appell sostniet:-*

*"Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta` interess guridiku hija dik tal-Mortara li jghid li l-interess guridiku huwa `l`utilita` finale della domanda giudiziale nel tema dell`asserita esistenza o violazione del diritto`. Illi ghalkemm fis-sistema taghna tista` tinghata dikjaratorja huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih l-attur ikun jista` jippromwovi u jitlob l- accertament tieghu permezz ta` l-awtorita` gudizzjarja".*

*"Illi kif gie ritenut fis-sentenza ta` dina l-Qorti fil-15 ta` Lulju 1952 (Vol.36. ii. 493), fl-ismijiet **"Edgar Baldacchino vs Rosie Bellizzi et"** li:-*

*"Citazzjoni tista` ssir biex tinghata semplici dikjarazzjoni, u ma hemmx bzonn bilfors li tintalab dejjem kundanna ... biss, min jistitwixxi azzjoni jrid bilfors ikollu xi dritt – `l`azione civile non puo` essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l`uno e l`altro di questi requisiti, l`azione e` infondata e inammissibile`.*
*Illi hekk ukoll fis-sentenza **"Alexander Eminyan vs John Mousu` pro et noe et"** (A.C. 28 ta` Frar 1997 - Vol. LXX1. ii.429) l-Onorabbli Qorti tal-Appell sostniet li l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur u f`dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbuziv u llegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill- attur konsegwenzjali ghal tali*

*agir.*

*Kif diga ntqal t-talba tar-rikorrent hija sabiex tigi rilaxxjata l-bicca art li issa hija cul-de-sac. Fil-premessi tieghu r-rikorrent qieghed jikkontendi li huwa sofra esproprju ikbar, ghaliex ttiehdet aktar art minn dak li kien indikat fil-espropriazzjoni. Bhala parti mid-danni r-rikorrent qieghed jitlob ir-rimbors li huwa kien hallas lill-Awtorita, li jinkludu building levy, main sewer contribution u street contribution.*

*Kif diga` gie spjegat aktar `l fuq, huwa l-Kummissarju tal-Artijiet u certament mhux l-Awtorita intimata illi tezegwixxi espropriazzjoni ta` bicca art. Izda din il-kwistjoni tirrigwarda wkoll l-linja tat-triq u meta u kif gie ffurmat dan l-cul-de-sac minn Triq il-kokka. Kif spjega r-rapprezentant tal-Awtorita, fi snin sittin kien ikun hemm skemi li kienu jigu mfassla dak iz-zmien mill-PAPB u approvati mill-Ministru. Spjega illi din il-bicca art kienet ilha skemata sabiex ssir triq mis-snin sittin. Dawn l-iskemi kienu bhal pjanijiet lokali li hemm prezentement. Dak li taghmel l-Awtorita huwa li tapprova l-allinjament izda ma tiffurmax toroq.*

*B'referenza ghal Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta` Malta - Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Izvilupp illi ssostwixxa l-Kapitolu 356 – l-Artikolu 8 jelenka l-funzjonijiet tal-Awtorita, u fosthom hemm –*

*(1) L-Awtorità ghandha tkun il-mezz principali li bih il-Gvern jimplimenta dmirijietu taht dan l-Att.*

*(2) Il-funzjonijiet tal-Awtorità jkunu dawn li gejjin:*

*(a) sabiex taqdi u tissuccedi fil-funzjonijiet, l-attiv, jeddijiet, passiv u obbligi kollha tal-awtorità kompetenti stabbiliti taht id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 3 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp u l-artikolu 6 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent;*

*(b) il-formulazzjoni u implimentazzjoni ta` kull politika li tirrigwarda l-promozzjoni ta` zvilupp sostenibbli, il-protezzjoni u l-maniggar tal-ambjent u l-maniggar sostenibbli ta` rizorsi naturali, u dwar dawk l-affarijiet l-ohra li jistghu jkunu mehtiega ghat-twettiq ahjar tad-disposizzjonijiet ta` dan l-Att;*

*(c) il-promozzjoni ta` ppjanar xieraq u ta` zvilupp sostenibbli ta` art u ta` bahar, kemm pubbliku kif ukoll privat;*

*(d) il-kontroll ta` dak l-izvilupp skont pjanijiet u policies approvati skont dan l-Att;*

*(e) li taghmel kartografiji nazzjonali, inkluz li taghmel surveys tal-art ta` zoni specifici, u li taggorna d-database geografiku*

*nazzjonali sabiex jigu mwettqa l-funzjonijiet imsemmija f'dan is-subartikolu;*

*(f) li tirregola skemi ta` linji u ta` livelli kif ukoll li tinterpretahom fis-sit;"*

*Illi ghalhekk hija l-umli opinjoni tal-espnenti, li l-Awtorita ghandha titqies bhala wahda mill-legittimi kontradditturi ghaliex fost l-funzjonijiet taghha hemm illi tipprepara l-pjanijiet lokali necessarji u anke tiffissa l-linji tat-triq u tal-bini. Minhabba l-fatt li r-rikorrent qieghed jallega illi l-izvillup tieghu gie effettwat minhabba l-ftuh ta` dan l-cul-de-sac, u dan l-cul-de-sac jidher li kien jifforma parti mill-iskemi tas-snin sittin u issa jifforma parti mill-pjan lokali, jirrizulta n-ness necessarju bejn r-rikorrent u l-Awtortia.*

***Ghaldaqstant hija l-umli opinjoni tal-esponenti illi t-tieni eccezzjoni tal-Awtorita ta` Malta dwar l-Ambejnt u l-Ippjanar ghandha tigi michuda.***

(enfasi ta` din il-qorti)

2. <u>L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni</u>

Il-preskrizzjoni eccepita hija dik tas-sentejn skont l-<u>**Art 2153 tal-Kap 16**</u>.

Il-perit legali taghmel dawn l-osservazzjonijiet :-

*Din giet eccepita mill-Avukat Generali, mill-Kummissarju tal-Artijiet u sussegwentement mill-Awtorita ghat-Trasport f'Malta.*

*L-Artikolu 2153, tal-Kodici Civili jghid –*

*"L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b`reat taqa` bi preskrizzjoni bl-eghluq ta` sentejn."*

*Il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **<u>Joseph Borg vs Frans Borg</u>** deciza fit-8 ta` jannar 2013, qalet -*

*III. <u>L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni</u>*

*Il-konvenut invoka favur tieghu l-preskrizzjoni tas-sentejn kontra l-azzjoni attrici abbazi tal-Art.2153 tal- Kap.16 li jaqra hekk –*

*L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b`reat taqa` bi*

*preskrizzjoni bl-eghluq ta` sentejn.*

*Bhal fil-kaz tad-disposizzjonijiet l-ohra, fejn il-ligi tistabilixxi l-preskrizzjoni jew il-perenzjoni tal-azzjoni, din il-Qorti trid tqis ghall-kaz tal-lum dak previst mill-Art.2137 tal-Kap.12 li jaqra hekk –*

*Bla hsara ta` disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il- preskrizzjoni ta` azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l- azzjoni tista` tigi ezercitata ; minghajr ma jittiehed qies tal- istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.*

*Mela anke fil-kaz tal-lum il-preskrizzjoni tas-sentejn tghodd minn dakinhar li l-azzjoni attrici setghet tigi ezercitata.*

*Skond il-konvenut, kif jirrizulta min-nota ta` osservazzjonijiet tieghu, il-hsara hija fattur istantaneju. Ghalhekk, jekk saret hsara, din sehhet meta saru d-depoziti fil-qorti, in esekuzzjoni taz-zewg mandati kawtelatorji, u cioe` fit-18 ta` Dicembru 2001 ghar-rigward tad-depozitu b`cedola 1048/2001, u fis-16 ta` Settembru 2002 ghar-rigward tad-depozitu b`cedola 964/2002. Ghalhekk, skond il-konvenut, l-azzjoni attrici kienet preskritta.*

*Il-fehma tal-konvenut mhijiex kondivisa minn din il-Qorti.*

*Minn analizi tal-Art.2137 tal-Kap.16, wiehed isib illi l-ligi ma tghidx illi l-azzjoni tigi ezercitata fid-data li ssir il- hsara – din il-Qorti tghid – b`ghaqal u b`gherf kbir – izda fid-data meta l-azzjoni tista` tigi ezercitata u dan propju ghaliex fil-kaz ta` azzjonijiet ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b`reat id-data li fiha jista` jsir reklam ghall-hlas tal-hsarat mhijiex l-istess dejjem. Ghadd huma l-ezempji : haga huwa incident tat-traffiku fejn persuna ggarrab hsara go vettura, kagun tal-imprudenza ta` haddiehor, u allura taf li l-hsara kkagunata lil dik il-vettura sehhet f`data partikolari ; u haga ohra huwa l-kaz fejn persuna ggarrab mard fuq ix-xoghol, kagun tal-imprudenza ta` haddiehor, fejn allura l-azzjoni tkun tista` tigi ezercitata biss meta jkun determinat li dak il-mard ikun gara fuq ix-xoghol jew minhabba x-xoghol. Ghalhekk l-gherf tal-legislatur u l-infondatezza tal-hsieb tal-konvenut".”*

*Din hija kawza fejn l-attur qieghed jitlob danni extra kontrattwali u ghalhekk japplika l-Artikolu 2153 dwar l-preskrizzjoni ta` sentejn. Dan qieghed jinghad ghaliex ma hemm l`ebda relazzjoni kontrattwali antecedenti bejn il-partijiet li rabtithom u li a bazi taghha qed jintalbu d-danni. Il-premessi u t-talbiet tar-rikorrent mhux mibnija fuq tali relazzjoni izda hija relazzjoni de jure naxxenti minn allegata uzurpazzjoni ta` art.*

*Minbarra dan sabiex wiehed jara jekk l-eccezzjoni tirrizultax jew le ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni wkoll l-Artkolu 2131(1) tal-Kodici Civili u l-Artikolu 2137, li rispettivament jghidu –*

*Il-preskrizzjoni tinkiser b`talba gudizzjarja, ukoll jekk din it-talba ma tkunx giet innotifikata lill-konvenut minhabba li jkun nieqes minn Malta jew ghal xi raguni tajba ohra, basta li l-attur jissokta l-kawza kontra kuratur mahtur mill-qorti, bil-mod li jinghad fil-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili, u jiehu sentenza fuq dik it-talba.*

*Bla hsara ta` disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta` azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista` tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies tal- istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.*

*Dwar meta tibda tiskatta l-preskrizzjoni, l-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza* ***l-Avukat Peter Fenech, ghan-nom u in rappresentanza tal-Consortium Norcontrol It Limited Ericsson Microwave Systems AB vs Dipartiment tal-Kuntratti*** *deciza fil-14 ta` Frar 2012, qalet –*

*Huwa principju tad-dritt illi d-data li taghti bidu ghall- preskrizzjoni hi determinabbli oggettivament u tibda tiddekorri mill-fatt tal-hsara (ara "**Scicluna vs Tracey**", deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta` Gunju, 1900 (Vol.XVII.I.151) u "**Caruana vs Runza**", deciza minn din il-Qorti fis-7 ta` Mejju, 1999).*

*It-terminu tal-preskrizzjoni jista` jkun sospiz fil-kaz biss li jkun hemm impediment ta` dritt jew cirkostanza li jahseb ghaliha l-Art.2125, pero` mhux minhabba impediment ta` fatt, u dan in omagg ghall-principju li contra non valentum agere non currit praescriptio (ara "**Attard vs Fenech**", deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta` Frar, 1965, "Xuereb **vs Zammit**" [op. cit.] u "**Chircop vs Muscat**", deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta` April, 2000).*

*L-awturi* ***Baudry-Lacantinerie u Tissier*** *(Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione Cap XII, par 364 pag. 279.) jaffermaw illi –*

*"Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e` nato il diritto o l`azione che e` destinata ad estinguere. . ."*

*Izjed`l quddiem (para. 393 bis, pag 306, op.cit.) ighidu hekk –*

*"La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell`evento che fa nascere il diritto rimasto finallora puramente eventuale"*

*Għalhekk dak li għandu jiġi determinat huwa meta effettivament, r-rikorrent seta jeżerċita azzjoni għad-danni. Kif jidher minn appell li r-rikorrent kien ippreżenta quddiem l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, wara li kien inħareġ avviż għat-twaqqif u twettiq, r-rikorrent diġa mis-sena 1996, kien jaf illi biċċa mill-art kienet ġiet ffurmata bħala triq. Illi għalhekk f'dan l-każ, l-azzjoni għad-danni setgħet tiġi eżerċitat mill-attur mill-25 ta` Ġunju 1996, jiġifieri meta ħareġ l-Avviż għat-twaqqif u twettiq. Il-proċeduri li kien hemm quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet, ma kienux jirreferu għal din l-biċċa art li saret cul-de-sac, iżda kienu jirreferu għal biċċa art li ġiet konvertita f'water culvert. L-ewwel darba illi r-rikorrent ippreżenta interpellazzjoni permezz ta` ittra uffiċjali, dwar allegati danni kien permess ta` ittra uffiċjali fil-konfront tad-Dipartiment tal-Artijiet u tal-Awtorita għat-Transport f'Malta fil-1 ta` Settembru 2008. Jiġifieri tnax (12) il-sena wara li r-rikorrent seta jeżerċita l-azzjoni għad-danni.*

*Illi għalhekk t-talba għad-danni tirriżulta li hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.*

***Għalhekk hija l-umli opinjoni tal-esponenti illi t-tielet eċċezzjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet u l-eċċezzjoni ulterjuri tal-Awtorita għat-Trasport f'Malta għandhom jiġu milqugħa.***

(enfasi ta` din il-qorti)

3. <u>L-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorita ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar</u>

Il-perit legali tirreferi għall-<u>Art 460 tal-Kap 12</u> li jaqra –

*(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), ebda att ġudizzjarju li bih jinbdew xi proċedimenti ma jista` jiġi ppreżentat, u ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista` jiġi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil- kwalità uffiċjali tagħha, ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min- notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta` ittra uffiċjali jew ta` protest li fih il-pretensjoni jew it- talba tiġi mfissra b`mod ċar.*

*(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma japplikawx -*
*(a) għal azzjonijiet għal rimedju taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni; jew*
*(b) għal mandati ta` inibizzjoni; jew*
*(c) għal azzjonijiet għall-korrezzjoni ta` atti tal-istat ċivili; jew*

*(d)	ghal azzjonijiet li ghandhom jinstemghu bl-urġenza;*
*(e)	ghal riferenzi ta` tilwimiet ghall-arbitraġġ,*

*u meta skont id-disposizzjonijiet ta` xi liġi ghandha tiġi mharsa proċedura partikolari, maghdud terminu jew żmien iehor, id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) m`ghandhomx japplikaw u l-imsemmija proċedura, maghdud kull terminu jew żmien iehor, ghandha tapplika u tiġi mharsa minflokhom."*

*Kif jinsab ritenut fil-gurisprudenza taghna dan l-Artikolu japplika wkoll fil-konfront tal-Awtorita ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Qed ssir referenza ghal sentenza parzjali li nghatat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza <u>Samantha Grima vs Kevin Micallef et</u> deciza fil-11 ta` Jannar 2012, fejn intqal -*

*Kull att gudizzjarju li jigi prezentat fir-Registru tal-Qorti kontra d-disposizzjonijiet ta` l-artikolu 460 tal-Kap 12 huwa irritu u null. - Ara PA* ***Gauci vs Registratur tal-Qorti et*** *1/2/90,* ***Dr. L. Vella et vs Ronald Grech et*** *22/6/92,* ***Roger Sullivan noe vs Kontrollur tad-Dwana*** *15/1/93,* ***Michael Spiteri vs Chairman ta` l-Awtorita` ta` l- Ippjanar et noe*** *2/10/96,* ***Domenico Savio Spiteri vs Chairman ta` l-Awtorita` ta` l-Ippjanar*** *29/5/97.*

*Fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet* ***Smash Communications Limited vs Malta Communications Authority*** *Prim`Awla tat-22 ta` Novembru 2007gie ritenut illi "l-kelma `persuna` kif uzata fl-Artikolu 460(1) tal-Kap. 12 tinkludi wkoll persuna guridika".*

*Meta persuna tkun trid tistitwixxi kawza kontra l-Awtorita` ta` l-Ippjanar, qabel ma ssir ic-citazzjoni l-attur irid jinforma lill-Awtorita`, permezz ta` ittra ufficjali jew protest gudizzjarju, li ghandha intenzjoni taghmel kawza. Jekk din l-ittra ma tintbaghat, a tenur tal-art 460 tal-KOPC, il- kawza tkun nulla [Sunny Coast (Caterers) Limited vs Awtorita` ta` l-Ippjanar deciza PA – Imh R Pace fit 13 ta` Lulju, 2000.*

*Fis-sentenza tal-Prim`Awla tas-26 ta` Gunju 2003, fl- ismijiet* ***Emanuel Bugeja vs Mary Rose Bugeja et*** *il- Qorti qalet: "Illi l-imsemmi artikolu huwa privilegg procedurali moghti lill-Gvern f kawzi li fihom ikun imharrek u gie mfisser bhala regola ta` ordni pubbliku, u japplika ghal kull ghamla ta` att gudizzjarju li bih jinbdew procedimenti kontra l-Gvern... Illi l-imsemmi privilegg, jekk ma jitharisx, iwassal ghan- nullita` ta` l-azzjoni li tkun ittiehdet bi ksur tieghu."*

*L-imsemmi artikolu jimponi doveri fuq ir-Registratur. Infatti fis-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) tal- 10 ta` April 2003 fl-ismijiet* ***Salvatore Ellis et noe vs Il- Kontrollur tad-Dwana*** *ntqal:*

*"Huwa desumibbli mill-artikolu appena citat illi l-ligi tirrikjedi tassattivament il-prezentata ta` ittra ufficjali jew ta` protest. Mhux hekk biss pero` ghax l-istess dispost jissokta jghid illi r-Registratur ghandu jirrifjuta li jircievi l-att gudizzjarju jew dokument iehor li jigi pprezentat fir- Registru kontra d-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu. Fuq dan l-ahhar punt tajjeb li jinghad illi kif akkolt fil-gurisprudenza anke f'kaz illi r-Registratur ikun ippermetta l-prezentata tac-citazzjoni l-istess ma tistax tissana n- nullita` imposta mil-ligi."*

*Ara wkoll sentenza Prim`Awla tal-25 ta` Jannar 1991 fl- ismijiet* ***Ines Calleja et vs Gaetano Spiteri et.***

*Ukoll fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta` l-Appell tas-27 ta` Frar 2004 tal-kawza fuq imsemmija fl-ismijiet* ***Domenico Savio Spiteri vs Chairman ta` l-Awtorita` ta` l-Ippjanar*** *[deciza mill-Prim`Awla fid-29/5/97] gie ritenut li n-nuqqas ta` osservanza tal-provvedimenti ta` l-Art. 460 tal-Kap. 12 mhux talli jgib mieghu l-piena tan-nullita` ta` l-att li bih ikunu nbdew il-proceduri, izda jgib mieghu ukoll in-nullita ta` kull att relattiv u sussegwenti. Infatti intqal:*

*"Minn ezami ta` l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 johrog bic-car li l-legislatur ried jimponi tassattivament l-obbligu li ebda att gudizzjarju, fosthom wiehed bhac-citazzjoni ta` l-attur, ma jista` jigi pprezentat hlief wara li jghaddu ghaxart ijiem min- notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorita` jew persuna kif hemm imsemmi fil-ligi stess, ta` ittra ufficcjali jew ta` protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tigi mfissra b`mod car... Minn ezami tal-provi mbaghad jirrizulta li fil-mument li l-attur ipprezenta c-citazzjoni in ezami - bi ksur allura ta` l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 - haga bhal din ma setax jaghmilha, bil-konsegwenza li dak kollu li avvera ruhu in segwitu kien irritu u null, u bhala tali ma seta` jipproduci ebda effett."*

*Illi l-ittra ufficjali li pprezenta r-rikorrent fil-1 ta` Settembru 2008, ezebita bhal Dok G, giet notifikata lid-Dipartiment tal-Artijiet u Malta Transport Authority u mhux lill-Awtorita ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.*

***Ghalhekk hija l-umli opinjoni tal-esponenti illi l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita ghandha tintlaqa` u ghalhekk l-azzjoni tar-rikorrent fil-konfront tal-Awtorita hija irrita u nulla.***

(enfasi ta` din il-qorti).

4. <u>L-ewwel, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta</u>

Il-perit legali tghid hekk :-

*Ai termini tal-Artikolu 25 tal-Kapitolu 88 – l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta` Artijiet ghal Skopijiet Pubblici – s-setghat tal-Bord ta` l-Arbitragg dwar Artijiet huma –*

*"(1) Il-Bord jista` -*

*(a) jordna illi jinghata pussess minnufih ta` art lill-awtorità kompetenti;*

*(b) jordna t-trasferiment ta` art lill-awtorità kompetenti bi proprjetà assoluta jew b`dominju pubbliku;*

*(c) jordna li art tigi mqieghda taht servitù;*

*(d) jordna t-tmiem ta` kiri;*

*(e) jiffissa l-ammont ta` kumpens li ghandu jithallas tahtid-disposizzjonijiet tal-Ordinanza u ghal dan l-iskop jiddikjara jekk area hix art tajba ghall-bini jew hixraba` inkella moxa;*

*(f) jordna l-esekuzzjoni tad-decizjonijiet tieghu:*

*Izda l-ammont ta` kumpens li jigi determinat mill-Bord skont id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (e) m`ghandux jeccedi l-oghla ammont ta` kumpens li jkun gie propost minn xi wahda mill-partijiet."*

*Il-proceduri li kien hemm quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet rikors numru 22/2003 fl-ismijiet **<u>Kummissarju ta` l-Art vs Mario Dingli ghall-Utiel Dominju Perpetwu u Dingli Estates & Co Ghad-Dirett Dominju perpetwu</u>**, deciza fil-14 ta` Frar 2008 – Dok. TM 5 - kienu proceduri li kienu jittrattaw l-opposizzjoni ta` Mario Dingli ghal kumpens li kien gie offert mill-Kummissarju tal-Artijiet ghal art tal-kejl ta` 25 metri kwadri li kienet giet esproprjata.*

*Kif jidher mill-Artikolu ccitat hawn fuq, il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet, jidhol f`kwistjonijiet ta` espropriazzjoni u kumpens, izda ma jidholx fi kwistjonijiet ta` actio reivendicatoria u f`kwistjoni ta` danni. F`din il-kawza r-rikorrent qieghed jitlob sabiex din l-Qorti tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex jirrilaxxjaw proprjeta lura lill-attur u sabiex jigu llikwidati d-danni. Huwa car mill-Artikolu li ghadu kif gie citat li l-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet m`ghandux dawn s-setghat ghaliex l-Bord jista jew jordna li jinghata pussess tal-art lill-Awtorita jew jordna t-trasferiment tal-art lill-Awtorita.*

*Rigward l-fatt jekk dan kollhu sarx ghal skop pubbliku jew le, huwa fatt li ghandu jigi deciz bhala parti mill-mertu u ghalhekk se jigi ttrattat aktar `il quddiem.*

***Ghalhekk skond l-umli opinjoni tal-esponenti, l-ewwel eccezzjoni u t-tieni eccezzjoni tal-Awtorita ghat-Trasport fMalta m`ghandhomx jintlaqghu.***

(enfasi ta` din il-qorti)

5. <u>Il-mertu u relattivi eccezzjonijiet</u>

Il-perit legali tibda b`konsiderazzjonijiet ta` dritt li fil-fehma taghha huma rilevanti ghal dan il-kaz :

*Mill-Kapitolu 356 tal-Ligijiet ta` Malta – Att dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp u l-Kapitolu 504 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikolu 25 jghid –*

*(1) "Pjan lokali huma pjan mhejji mill-Awtorita ghal kull zona fejn l-Awtorita jidhrilha li r-rata ta` zvilupp jew zvilupp mill-gdid ma tistax tithaddem adegwatament, jew fejn fatturi specjali ma jistghux jitqiesu fuq il-bazi tal-pjan ta struttra wahdu.*

*(2) Pjan lokali ghandu maghmul minn mappa jew mapep fuq skala adegwata u gustifikati bi stwarrija bil-miktub u dawk id-dijagrammi li huma meqjusa mehtiega. "*

*Skont l-Artikolu 8 (2)(f) tal-Kapitolu 504, l-Awtorita ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ghandha bhala wahda mill-funjonijet taghha –*

*"li tirregola skemi ta` linji u ta` livelli kif ukoll li tinterpretahom fis-sit;"*
*Ir-Regolamenti dwar Toroq Godda u xogholijiet f Toroq, legislazzjoni sussidjarja 499.57 giet fis-sehh fil-1 ta` Jannar 2010. L-kawza giet ipprezentata fil-23 ta` Gunju 2009 u ghalhekk dawn r-regolamenti ma jghoddux ghal din il-kawza. Illi ghalhekk f dan il-kaz kien ghadu japplika l-Artikolu 20 tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghaliex dan l-Artikolu gie mhassar permezz tal-Att XV tas-sena 2009, li gie fis-sehh fil-14 ta` Lulju 2009. Ghalhekk l-Artikolu 20 (7) kien isostni illi –*

*"L-Awtorita dwar t-Trasport ta` Malta tista, f kull zmien taghmel jew tara li ssir jew tippermetti li ssir f kull jew tahtkfull triq li ma tkunx proprjeta tal-Gvern kull xorta ta` xoghol illi hija tkun jidhrilha mehtieg jew utli fl-interess pubbliku."*

*(8) Kull triq gdida li ma tkunx proprjeta tal-Gvern ghandha tigi mwittija u miksija kif imiss u maghmul b`mod li tkun tajba ghas-sewqan tal-ilma, mill-persuna li tkun fethet dik it-triq, skond l-ordnijiet tal-Awtorita dwar t-Trasport ta` Malta u b`mod li jkun joghgob lilha. Barra minn dan, kull triq bhal din ghandha tigi maghmula mill-persuna hawn fuq imsemmija b`bankini b`kurdun u b`dorga tal-gebel qawwi jew b`materjal iehor tajjeb ghaldaqshekk, li jkun jissodisfa lill-Awtorita dwar t-Trasport ta` Malta.*

*…*

*(9)(ii) "Is-sidien ta` kull proprjeta li tmiss direttament ma` triq li ma tkunx proprjeta tal-Gvern jew il-persuni li jkollhom din il-proprjeta b`enfitewsi, jitqiesu, ghall-fini ta` dan l-artikolu, li huma l-persuni li fethu din it-triq u li huma s-sidien taghha:"*

*(10)(i) Minghajr hsara ta` kull ma jista jsir xort`ohra skond il-ligi, l-Awtorita dwar t-Trasport ta` Malta tkun tista taghmel jew, skond il-kaz, tissokta taghmel ix-xogholijiet kollha jew x`uhud mix-xogholijiet imsemmijin fis-subartikolu (8) u fil-paragrafu (i) tas-sub-artikolu (9) ta` dan l-artikolu wara li tkun baghtet avviz mis-sid b`ittra registrata ta` hsiebha li taghmel hekk, dawk ix-xogholijiet ghandhom isiru bi spejjez tal-persuna li tkun fethet it-triq."*

*…*

*(vi) It-toroq li ma jkunux tal-Gvern, ghandhom. Meta dawk it-toroq ikunu inkluzi fi skema jew fi pjan lokali –*

*(a) malli jitleta l-kisi taghhom bl-asfalt jew xort`ohra; u*

*(b) malli tigi pubblikata Ordni tal-President fil-Gazzetta li tkun tordna dan, issir proprjeta tal-gvern u minn dak il-waqt is-sidien ikunu mehlusin minn kull dmir iehor li jiehdu hsieb dawk it-toroq."*

*Minbarra dawn, id-definizzjoni ta` triq fil-Ligijiet tal-Pulizija hija –*

*il-kelma "triq" tfisser kull triq u tinkludi hâra, sqaq, pjazza, fortifikazzjoni, jew lok iehor ta` passaġġ pubbliku;*

**Il-perit legali tmur imbaghad ghall-gurisprudenza :-**

*Fil-kawza citazzjoni numru 887/93 fl-ismijiet* ***Paul Borg et vs Kummissarju tal-Artijiet et*** *deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta` Ottobru 2003, l-Qorti qalet –*

*"Illi l-atturi qed isostnu li mhuwiex minnu li t-triq hija triq privata, stante li din "infethet bil-mezzi pubblici fis-sens li giet asfaltata, ppjantata u mwittija mill-awtorijiet kompetenti" [fol.128]. In propositu l-Qorti tosserva li din l- asserzjoni tal-attur mhix sostnuta mill-fatti provati. Di fatti mill-provi jirrizulta li x-xogholijiet maghmula mill-Gvern kienu limitati biss ghall-livellar u asfaltar tat-triq – xoghol li huwa inkluz fl-obbligu tal-manutenzjoni li l-propretarji tal- fondi limitrofi ghandhom skond s-sub incizi (9) u (10) tal-Arti 20 tal-imsemmi Kap. Dawn is-sub-incizi jippresuponu li t-triq fejn ghandu jsir dan ix-xoghol tkun diga` giet iffurmata u tappartjeni lill-privat.*

*Illi l-atturi qed isostnu wkoll li meta nfethet din it-triq mill-awtoritajiet pubblici fuq l-art tal-atturi, il-Gvern la esproprjija l-art u lanqas ha l-permess tas-sidien biex jaghmel dawn ix-xogholijiet. Ghalhekk skond huma, l-agir tal-konvenuti kien abbusiv ghax mhux kopert bil-ligi. In propositu l-Qorti tosserva li din l-asserzjoni mhix sostenibbli fil-ligi, ghax il-provi juru li l-agir tal-konvenut kien regolat bil-ligi u sar in applikazzjoni tal-istess ligi; u min jagixxi fl-applikazzjoni tal-ligi, u fil-parametri tal-istess, ma jistax jigi meqjus li agixxa b`mod abbusiv, wisq anqas b`mod illegali.*

*Illi argument iehor sollevat mill-atturi huwa li l-artikolu 20 tal-Kap.10 jipprovdi li mal-asfaltar ta` triq, dik it-triq issir ta` dominju pubbliku, u ghalhekk, mal-asfaltar, il-Gvern akkwista l-proprjeta` tat-triq mill-pussess tal-atturi; u ghal dan l-akkwist da parti tieghu il-Gvern ghandu jhallas kumpens lill-istess atturi. In propositu l-Qorti tosserva li din l-asserzjoni hija guridikament inkorretta stante li ".. malli triq tigi asfaltata ....ma jfissirx li t-triq issir "ipso facto" tal-Gvern, imma illi l-proprjetarju ghandu jaghmel mal-Gvern il-kuntratt mehtieg ghat-trasferiment tal-proprjeta` tieghu lill-Gvern" u dan biex il-propretarju tat-triq "minn dak il-hin is-sidien ikunu mehlusin minn kull dmir iehor li jiehdu hsieb dawk it-toroq" Art.20 (10)(vi)."*

*Il-Qorti ghalhekk kienet cahdet it-talbiet attrici ghal kumpens. F`kawza ohra citazzjoni numru 1957/2000 fl-ismijiet* **Zoqdi Developers Limited vs Kummissarju tal-Artijiet** *deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta` Ottobru 2002, l-Qorti wkoll kienet cahdet t-talba attrici sabiex l-art tigi esproprjata u jinghata kumpens u qalet –*

*"Il-fatt li l-Gvern jasfalta t-triq ma jfissirx li dan jaghmlu ghax hu s-sid kif wiehed jista` jiddeduci mill artikoli 20(9)(ii); 10(ii) u (vi) tal Kodici tal-Pulizija."*

*Fl-ahhar fil-kawza* **Francescu u martu Bernardette vs Galea vs Awtorita ghat-Trasport f`Malta** *deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili*

*fil-15 ta` Lulju 2014, il-Qorti kkonsiderat illi -*

*It-toroq in kwistjoni saru qabel dahal fis-sehh l-Avviz Legali numru 29 tal-2010 (New Roads and Road Works Regulations), fi zmien meta kien japplika l-Artikolu 20 tal- Kodici tal-Pulizija (Kap. 10). Din il-qorti fis-sentenza **Perit Ian Zammit vs Awtorita dwar it-Trasport ta` Malta**, 3 ta` Ottubru 2013, kienet osservat:-*

*i) Fejn it-triq tkun infethet mill-privat, il-privat ghandu d-dmir li jaghmel il-manutenzjoni;*

*ii) It-triq tibqa` meqjusa li hi proprjeta tal-privat ("Is- sidien ta` kull proprjeta` li tmiss direttament ma` triq li ma tkunx proprjeta` tal-Gvern jew il-persuni li jkollhom din il-proprjeta` b`enfitewsi jitqiesu, ghall-fini ta` dan l-artikolu, li huma l-persuni li fethu din it-triq u li huma s-sidien taghha");*

*iii) It-toroq li m`humiex tal-Gvern, malli jsir l-asfaltar taghhom kellhom jigu trasferiti lill-Gvern. Il-ligi ma kenitx tikkontempla hlas ta` kumpens. Anzi l-ispejjez relatati mat-trasferiment kienu a karigu tas-sid.*

*Skond il-gurisprudenza :"Il permesso che il Governo concede a privati di aprire nelle loro terre nuove strade ed il controllo che esso esercita secondo la Leggi di Polizia nei lavori di costruzione di nuove strade aperte da privati non basta per trasferire la proprieta` delle strade cosi aperte al Governo, come non vi basta l`accesso del pubblico da solo. Non si prova che la detta strada, oggi chiamata Strada Magri aperta da Giuseppe Spiteri sopra suolo gia` di sua proprieta`, sia stata trasferita al Governo, ne` puo` oggi essere trasferita al demanio se non consentedovi il Governo." (**Annunziata Farrugia proprio et nomine vs Grazia Desira proprio et nomine et** deciza fit-2 ta` Mejju 1923 – Vol. XXV.i.451). Hekk ukoll fil-kawza **Nazzareno Sammut vs I.C.a. Carmelo Micallef nomine** deciza mill-Qorti ta` l-Appell fil-21 ta` Marzu 1958 (Vol. XLII.i.135): "Jekk it-triq hija privata, ma jistax jinghad li saret pubblika ghax tkun ilha ghal zmien twil miftuha ghall-uzu pubbliku, jew ghax il-Gvern ikun ghamel fiha xi tiswijiet jew xi xogholijiet ohra, bhal ma huwa drenagg.".*

*Qabel l-emendi ntrodotti bl-Att XXIII tal-2000 kien hemm htiega li jigi ppubblikat att ta` trasferiment sabiex triq issir proprjeta tal-Gvern. Sussegwentement bl-Att imsemmi toroq li jkunu inkluzi fi skema jew pjan lokali jsiru tal-Gvern malli jitlesta l- kisi bl-asfalt u tigi ppubblikata Ordni tal-President fil-Gazzetta li tkun tordna li l-proprjeta ssir tal-Gvern. Posizzjoni li tapplika wkoll illum skond l-Avviz Legali 29 tas- sena 2010. Mill-pubblikazzjoni ta` tali avviz, is-sidien jinhelsu mid-dmir impost fuqhom bil-ligi li jiehdu hsieb it-toroq. Fil-kaz in ezami jidher li ma sar xejn. Ma jidhirx li sal-lum giet*

*pubblikata l-Ordni tal-President fil-Gazzetta tal-Gvern. Ghalhekk din il-parti tat-toroq ghadha m`hijiex proprjeta tal-Gvern.*

*Hu evidenti li dan hu kaz fejn il-privat fetah it-toroq in kwistjoni. Wara nghataw l- asfalt fuq inkarigu tal-Awtorita`. Meqjus dak li nghad hawn jidher li l-atturi m`ghandhomx jedd ghall-kumpens u wisq inqas li jgieghlu lill-Awtorita konvenuta tnehhi x-xoghol li sar u li dawn it-toroq ma jibqghux miftuhin ghall-uzu tal-pubbliku. L-Awtorita` kellha dritt, skond il-ligi, li tiehu hsieb li t-toroq jigu asfaltati."*

**Il-perit taghmel riassunt tal-fatti.**

Tghid :-

*Hawn l-esponenti se taghmel esposizzjoni tal-fatti kif graw kronologikament skond l-provi ezebiti. Permezz ta` kuntratt fl-Atti tan-Nutar Clyde La Rosa datat 1 ta` Novembru 1991 – Dok X1 – r-rikorrent akkwista b`titolu ta` enfitewsi perpetwu porzjon art formanti parti mill-art ta` Vennun, fil-kuntrada ta` Wied il-Ballut, limiti ta` San Giljan, tal-kejl ta` 562.36 metri kwadri konfinanti mill-lbic ma` Triq il-Kokka, mill-grigal ma` beni tieghu stess u mix-xlokk ma` beni ta` Apap u Dingli Estates, kif ahjar delineat fuq pjanta li kienet annessa ma` kuntratt fl-Atti tan- Nutar George Bonello Du Puis tal-21 ta` Lulju 1981. Illi sussegwentement permezz ta` cedola ta` depozitu ta` fidi ta` cens, datata 15 ta` Frar 1994, l-attur kien feda dan c-cens.*

*Kif jidher minn Dok OM 5 – r-rikorrent ipprezenta applikazzjoni ghal permess sabiex jibni fil-21 ta` Lulju 1994, fejn jidher li huwa applika sabiex jibni villa ta` tlett sulari u l-arja tas-sit kienet ta` 864 metri kwadri. Effettivament l-permess inghata fil-1 ta` Dicembru 1994 – Dok. OM 7 u f kondizzjoni (e) hemm illi –*
*"All building works must be in accordance with the official alignment and proposed/existing finished road levels as set out on site by the Planning Direcotrate`s Land Surveyor"*

*Jirrizulta minn ittra li giet ezebita Dok I li fid-9 ta` Mejju 1995, l-Ministeru tat-Trasport, Komunikazzjoni u Teknologija kien talab lil Kumissarju tal-Art sabiex tigi esproprjata bicca art sabiex jinbena water culvert. Effettivament fil-31 ta` Ottobru 1995 – Dok C – giet ppublikata fil-Gazzetta tal-Gvern d-Dikjarazzjoni tal-President ta` Malta illi kienet se tigi esproprjata bicca art tal-kejl ta` 25 metri kwadri, kif tidher fil-pjanta LD 161/95 – Dok AM1.*

*Fil-25 ta` Gunju 1996, r-rikorrent rcieva avviz ta` twaqqif u twettiq fir-rigward tas-sit tieghu fi Triq il-Kokka, u dan stante illi "ghandek ksur f non-osservanza tal-kunidzzjoni A5 tal-DC1/88." L-process kollhu relattiv ghal PAB 421/96 flismijiet* ***<u>Mario Dingli kontra l-Awtorita ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar</u>*** *li gie deciz fit-2 ta` Ottobru 2002, mill-Bord ta` l-Appell dwar l-Ippjanar gie pprezentat bhala Dok TM 6. Fid-decizjoni taghhom, l-Bord laqa l-appell tar-rikorrent u ddikjara li l-Avviz ta` twaqqif u twettiq kien null u bla effett. F din d-decizjoni, l-esponenti tikkonsidra li ghandha ticcita dan li jsegwi, u li jservi ghal skopijiet ta` din il-kawza (pagna 6 mid-decizjoni)–*

*" mix-xhieda prodotta da parti tal-Awtorita u minn ezami tad-dokumenti prodotti, jirrizulta illi fis-Sittinijiet, diga kienet giet imfassla u approvata triq li taghti minn Triq Regjonali ghal gewwa dik li llum maghrufa bhal Triq il-Kokka. Din it-triq kienet tghaddi minn go bicca art proprjeta tal-Klarissi li ghandhom il-monasteru taghhom magemb l-istess art u tizbokka fi Triq il-Kokka b`tali mod illi s-sit tal-appellant giet kantuniera. Fil-1969, din it-triq ma baqghetx tidher fl-iskemi ghalkemm dik il-parti li tghaddi magemb is-sit tal-appellant baqghet hemm, possibilment sabiex jinghata access lill-art proprjeta tal-Klarissi. Is-sitwazzjoni ufficjali baqghet hekk proprju sal-gurnata tal-llum fis-sens illi hemm cul-de-sac zghira li taghti access minn Triq il-Kokka ghall-art tal-Klarissi u ghalhekk il-linja tal-bini kienet idur mas-sit tal-appellant peress illi din saret kantuniera."*

*Fit-2 ta` Ottobru 2003 – Dok OM 9 – r-rikorrent kien applika sabiex jinghata l-linja tal-bini, u fil-23 ta` Jannar 2004 – Dok OM 10 – inghata l-linja tal-bini. Kif jidher mid-dokumenti annessi ma` din l-ittra, fil-development permit alignment hemm miktub illi "Alignmnet set out Street is asphalted". Fil-fatt fil-pjanta annessa dan l-cul-de-sac huwa mmarkat "Asph".*

**Il-perit legali tghaddi ghall-kwistjoni tal-prova tat-titolu.**
Tghid :-

*Permezz ta` kuntratt ta` divizjoni fl-Atti tan-Nutar George Bonello Dupuis datat 21 ta` Lulju 1981, liema kuntratt huwa ezebit bhala parti mill-atti ta` Dok TM 6, kien hemm divizjoni ta` numru ta` artijiet maghrufin bhala "Ta Vennun".*

*Jigi nnutat li qabel kull deskrizzjoni tal-porzjonijiet hemm miktub li "Din tikkonsisti fis-segwenti plots li l-kejl taghhom jikkomprendi kemm il-parti fabbrikali kif ukoll dik stradali"*

*Plot numru 108, kienet fil-ewwel porzjoni u l-kejl gie deskritt bhala 562.367 metri kwadri bil-konfini mill-lvant ma` beni tas-sorijiet klarissi. Fis-sitt porzjoni giet inserita plot 98 tal-kejl ta` cirka 548.89 metri kwadri konfinanti minn nofsinhar, xlokk u mill-punent l-lbic ma` toroq godda u bla isem u mit-tramuntana il-majistru ma` plot 97. Fil-assenjazzjoni mbaghad r-rikorrent Mario Dingli gie assenjat s-sitt porzjoni fejn kien hemm l-plot 98. Imbaghad l-istess Mary Apap, ossia omm r-rikorrent, kienet ttrasferiet finalment lil Dingli Estates Limited l-plot numru 108. Ma din d-divizjoni kien hemm pjanta annessa u din tinsab ezebita f dan Dok TM 6. Minn din l-pjanta jidher car li fil-1981, l-post fejn illum hemm l-cul de sac, kien diga qieghed jintwera bhala triq.*

*Sussegwentement r-rikorrent kien akkwista minghand Dingli Estates proprju din l-plot 108, permezz ta` kuntratt fl-Atti tan-Nutar Clyde La Rosa fil-1 ta` Novembru 1991. Il-plot hija deskritta li ghandha kejl ta` 562.36 metri kwadri, proprju l-istess kejl tad-divizjoni.*

**Taghmel ukoll il-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-cul-de-sac.**

Tghid :-

*F dawn l-proceduri gew ezebiti numru konsiderevoli ta` pjanti, site-plans u skemi u ghalkemm l-esponenti mihiex persuna teknika f dan is-sens se tipprova tasal ghal konkluzzjoni taghha minn dawn d-dokumenti.*

*Giet ezebita skema tas-sena 1960 – Dok. OM 11 – minn din l-iskema jidher li l-cul-de-sac kienet qed tigi mmarkata bhala "proposed road". Fil-iskema tas-sena 1988 – Dok. OM 14 – l-cul de sac ma tidhirx; fl-iskema tas-sena 1989 – Dok. OM 12 – l-esponenti mihiex f posizzjoni li tghid jekk l-cul de sac jezistix jew le; fil-iskema tas-sena 1994 – Dok. OM 15 – l-cul-de-sac ma kienx jezisti. Hawn l-esponenti tinnota illi 1994, kienet s-sena meta l-applikant kien ssottometta l-applikazzjoni tieghu ghal izvilupp. Fi skema li giet pprezentata bhala Dok. JS 7 u datata 4 ta` Frar 1997, dan l-cul-de-sac huwa mmarkat. Minn aerial photo li gie ezebit bhala Dok OM 16, tas-sena 1998, l-cul-de-sac huwa prezenti u asfaltat. Fil-iskema tas-sena 2006 – Dok. OM 13 – l-cul-de-sac jidher.*

*Illi l-esponenti terga ssostni li hija mihiex persuna teknika u li ghalhekk ma setghetx tinterpreta l-pjanti li gew ipprezentati minn lat tekniku. Sabiex tipprova tasal ghal metragg ta` dan l-cul de sac, mill-provi kollha li gew ipprezentati fit-trattazzjoni ta` din l-kawza, l-unika pjanta li setghet tistrieh fuqha huwa survey li gie pprezentat*

*bhala Dok F, fejn jirrizulta illi l-arja li ttiehdet sabiex ssir triq pubblika, ossia l-cul-de-sac ghandha kejl ta` **173.857** metri kwadri. F'dawn l-proceduri gew ipprezentati wkoll l-atti kollha tal-kawza quddiem l-Bord ta` l-Arbitragg dwar l-Artijiet rikors numru 22/2003 fl-ismijiet **Kummissarju ta` l-Art vs Mario Dingli et** deciza fil-14 ta` Frar 2008. Minn dawn l-atti jirrizulta li skond l-Perit Michael Attard – a fol 18 ta` Dok TM 5 - li kien gie mqabbad mir-rikorrent, l-kejl tal-art fejn sar dan l-cul-de-sac kien ta` **190** metru kwadru. Mill-banda l-ohra fir-rikors guramentat r-rikorrent jghid li f'kollox, jigifieri inkluz l-water culvert ttiehiedlu 211 metri kwadri. Ghalhekk jekk wiehed inehhi l-25 metri kwadri tal-water culvert jirrizulta li l-kejl tal-art li skond r-rikorrent giet ffurmata f'cul de sac huwa ta` **186** metri kwadri.*

*Dwar dan l-punt, l-esponenti hija tal-opinjoni illi l-attur ma rnexxilux jipprova kemm effettivament huwa l-kejl tal-bicca art li ittiehdet sabiex isir l-cul-de-sac, ghaliex f'survey hemm indikat 173.857 metri kwadri, l-Perit Michael Attard li kien gie mqabbad mill-attur indika 190 metri kwadri u fir-rikors guramentat hemm indikat 186 metri kwadri. Minbarra dan jekk ssir referenza ghal konsiderazzjonijiet li saru taht (ii) Prova ta` Titolu jirrizulta li bhala total r-rikorrent akkwista 1,111.25 metri kwadri li skond l-att ta` divizjoni kien jinkludi anke l-parti stradali tas-sit. Jekk minn dan wiehed inehhi l-864 metri kwadri li fuqhom l-attur applika sabiex jizviluppa, l-25 metri kwadri tal-water culvert, jibqa metragg ta` 222.25 metri kwadri li allura allegatament ghandha tkun l-arja tal-cul-de-sac;*

*Izda kif diga ntqal stante li l-esponenti mihiex persuna teknika f'dan l-ambitu, hija setghet biss tistrieh fuq dak li gie pprezentat bhala provi u ghalhekk ma tistax tasal ghal konkluzzjoni ta` kemm huwa effettivament l-kejl tal-art tar-rikorrent li nbiddlet f'cul de sac.*

***F'dan ir-rigward ghalhekk ghandha tigi milqugha s-sitt eccezzjoni tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta, li r-rikorrent ma rnexxilux jipprova kemm effettivament ttiehditlu art.***

(enfasi ta` din il-qorti)

*It-talba tal-attur hija sabiex tigi rilaxxata din l-bicca art li saret cul-de-sac. Dwar dan l-esponenti tikkonsidera illi meta r-rikorrent applika ghal permess sabiex jizviluppa fil-21 ta` Lulju 1994, huwa kien diga jaf li din l-bicca art kienet skemata sabiex ssir triq. Dan jirrizulta mix-xhieda tal-attur stess. Minbarra dan rrizulta mill provi illi din l-bicca art kienet ilha skemata bhala triq mis-snin sittin u anke fl-iskemi li hargu fis-sena 1989. Tant huwa car li din l-bicca art kienet skemata sabiex issir triq illi l-istess permess tar-rikorrent hareg bil-kondizzjoni 9 (e) illi " All building works must be in accordance with the official alignament and proposed/existing*

*finished road elvels as set out on site by the Planning Directorate`s Land Surveyor."*

*Mix-xhieda tar-rapprezentant tal-MEPA jirrizulta illi l-permess ghall-izvilupp tar-rikorrent hareg biss fuq l-parti tal-art safejn hemm l-linja, jigifieri l-izvilupp tar-rikorrent ma kellhux ikompli oltre dik l-linja.*

*Ai termini tal-ligi, li giet ccitatat aktar `l fuq, meta t-triq ma tkunx proprjeta tal-Gvern bhal f`dan il-kaz, huwa s-sid tal-proprjeta li tmiss ma` din t-triq, f`dan l-kaz r-rikorrent, li huwa obbligat li jiftah din t-triq. F`dan il-kaz izda jidher illi dak li gara huwa li meta sar l-water culvert mill-Awtorita ghat-Trasport f`Malta, giet asfaltata wkoll din l-bicca art li kienet skemata bhala cul-de-sac. Dan jirrizulta mix-xhieda tar-rikorrent stess u ghalkemm meta xehed ir-rapprezentant tal-Awtorita huwa jghid li kienu ghamlu l-water culvert biss, jidher li l-kuntratturi li kienu gew mqabbdin sabiex jaghmlu l-water culvert komplew u ghamlu dan l-cul-de-sac wkoll.*

*Minn dan kollhu, izda dak li jirrizulta huwa illi din l-bicca art ghadha effettivament tal-privat, u f`dan il-kaz ghadha tar-rikorrent. Kif jirrizulta mill-ligi, toroq li jkunu fi skema jew pjan lokali jsiru tal-Gvern malli jitlesta l-kisi bl-asfalt u tigi ppublikata Ordni tal-President fil-Gazzetta li tordna li l-proprjeta ssir tal-Gvern. Mill-pubblikazzjoni ta` dan l-avviz, s-sidien, jigifieri f`dan l-kaz r-rikorrent jinheles mid-dmir impost fuqu mill-ligi li jiehu hsieb it-triq. F`dan il-kaz jidher li ma sar xejn minn dan kollhu. Ghalhekk dan l-cul-de-sac ghadhu mhux proprjeta tal-Gvern u ghalhekk ghadu proprjeta tar-rikorrent.*

*Ma jirrizultax minn effettivament fetah t-triq f`dan il-kaz, ghalkemm jirrizulta li l-asfalt inghata fuq inkarigu tal-Awtorita ghat-Trasport f`Malta. Ghalhekk minn dan kollhu jirrizulta li t-talba tar-rikorrent kemm ghar-rilaxx tal-proprjeta kif ukoll ghad-danni ma tistax tirnexxi. Ai termini tal-ligi, l-Awtorita ghat-Trasport f`Malta kellha d-dritt li tiehu hsieb li l-cul-de-sac tigi asfaltata.*

**Il-<u>konkluzjonijiet</u> tal-perit legali kienu dawn :-**
Illi ghar-rigward tal-eccezzjonijiet tal-<u>**Kummissarju tal-Artijiet**</u> –

ghandha tkun respinta l-ewwel eccezzjoni ;
ghandhom ikunu milqugha t-tieni, it-tielet u r-raba eccezzjonijiet.

Illi ghar-rigward tal-eccezzjonijiet tal-<u>**Awtorita` ghat-Trasport f`Malta**</u>

ghandhom ikunu respinti l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet ;

ghandhom ikunu milqugha t-tielet, ir-raba`, il-hames, is-sitt u seba` eccezzjonijiet ;
ghandha tkun milqugha wkoll l-eccezzjoni ulterjuri.

Illi ghar-rigward tal-eccezzjonijiet tal-**<u>Awtorita` tal-Ippjanar</u>** –

ghandha tkun respinta t-tieni eccezzjoni ;
ghandhom ikunu milqugha l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet.

Illi ghar-rigward tal-eccezzjonijiet tal-**<u>Avukat Generali</u>** –

ghandha tkun milqugha l-ewwel eccezzjoni.

Illi t-**<u>talbiet attrici</u>** kellhom ikunu respinti.

## IV. <u>L-eskussjoni tal-perit legali</u>

L-attur talab illi jeskuti lill-perit legali, talba illi l-Qorti laqghet.

Il-perit legali wiegbet ghad-domandi li sarulha b`dan il-mod :

Stqarret illi l-esproprju li sar fil-konfront tal-attur kien jirrigwarda 25 mk ta` art mentri l-bqija tal-art illi saret *water culvert* ma kenitx esproprjata.

Qalet illi l-attur ma lmentax minn ksur ta` l-jeddijiet fondamentali tieghu tant illi dan tal-lum ma kienx procediment kostituzzjonali.

Taccetta illi l-kejl effettiv tal-*cul de sac* jista` jigi stabbilit minn perit izda ma saret l-ebda talba ghal dan.

Tghid illi a fol 96 u 97 tal-process, irrizultaw tlett kejliet differenti.

Taccetta illi wiehed jista` joqghod fuq dak li stabilixxa s-surveyor Mario Attard Trevisan.

Taccetta wkoll illi mill-provi rrizulta li ma kienx instab il-permess li nghata l-attur biex jizviluppa l-art tieghu.

Tispjega illi l-estratt illi jghid illi *"l-linja ufficjali tidher illi dahlet `l gewwa fis-sit tal-appellat b`tali mod illi s-sit tieghu sfat imcekkna"* huwa mehuda mid-decizjoni tal-Bord ta` l-Appell tal-Ippjanar.

Kompliet tghid li mill-kontroezami ta` Oliver Magro, jirrizulta illi l-izvilupp ma kienx gie approvat fuq is-sit kollu izda biss fuq dik il-parti safejn inghatat il-linja. Il-permess hareg *subject to alignment.*

B`referenza ghall-osservazzjoni taghha a fol 98 tar-relazzjoni, tfisser illi waslet ghal dik il-konkluzjoni abbazi tax-xiehda ta` Oliver Magro.

Tghid illi ma kenitx ipprezentata l-ittra li tintbaghat lis-sid sabiex dan jigi avzat bix-xogholijiet li kienu se jsiru fuq art tieghu.

Qalet illi Perit Lorraine Cassar ikkonfermat illi huwa l-kunsill lokali li huwa responsabbli ghall-manutenzjoni ta` l-*cul de sac.* Inoltre mix-xiehda ta` Nicholas Baldacchino, ghall-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta, irrizulta li kien beda t-thaffir. Il-*water culvert* sar mill-Awtorita` ghat-Trasport. Ma kienx hemm provi illi x-xoghol li sar ma kienx limitat ghall-asfaltar tal-*cul de sac* izda addirittura kien jinkludi li timtela l-hofra li kien hemm, isiru l-perdamenti u x-xoghol kollu mehtieg ghal triq.

Tistqarr illi l-konkluzjoni taghha illi ma rrizultax min effettivament fetah it-triq kien ighodd ghall-attur ukoll.

Taccetta illi l-hitan mat-triq inbnew minn Transport Malta li anke nehhiet gebel mit-triq.

Tirreferi ghax-xiehda tal-Perit John Sciberras li jghid illi jiftakar lid-Direttur tat-Toroq jghidlu li kien se jkollhom jibnu hitan u jordom biex jifforma dan il-*cul de sac.* Ir-rappresentant ta` l-Awtorita` tat-Trasport cahad illi huma fethu l-*cul de sac*, stante li kif spjega, ghaliex sahaq illi l-Awtorita` tifforma t-triq u mhux tiftahha.

Taccetta illi kif anke jidher mill-pjanti l-attur ma kellux bzonn il-*cul de sac* ghaliex diga` kellu access u frontage sostanzjali iehor mat-triq pubblika. L-unika utilita` ta` l-*cul de sac* hija sabiex tkun tista` tahdem il-*water culvert* u sabiex is-Sorijiet Klarissi jkollhom access iehor ghat-toroq pubblici. Qabel ma sar

il-*cul de sac* irrizulta li s-Sorijiet Klarissi diga` kellhom access ghat-triq minn Triq Mikiel Angelo Vassalli.

Tghid illi l-fatt li l-Perit John Sciberras kien sorpriz kif il-*cul de sac* ma kienx gie esproprjat, ma kellux jinghata konsiderazzjoni ghaliex hija kellha toqghod mat-talbiet kif johorgu mill-premessi tar-rikors guramentat.

Tghid ukoll illi l-attur ghadu fil-pussess ta` l-art ghaliex ma jirrizultax li kien hemm esproprjazzjoni tal-art fejn hemm l-*cul de sac* u cioe` triq, passagg maghluq jew sqaq li ma jinfidx.

## V. <u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>

### i. <u>L-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali</u>

Bit-tieni eccezzjoni, l-Avukat Generali eccepixxa li huwa ma kienx il-legittimu kontradittur tal-attur skont l-Art 181B tal-Kap 12 stante : a) illi l-izvilupp jew xogholijiet fit-toroq ma jaqghux fil-mansjonijiet u r-responsabilitajiet tieghu ; (b) illi l-art in kwistjoni qatt ma kienet fil-pussess tieghu u konsegwentement ma jistax jirrilaxxa proprjeta` li mhijiex ghandu ; u (c) ghaldaqstant huwa ma jistax jinzamm responsabbli ghal xi danni li allegatament sofra l-attur.

Il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-perit legali dwar dak li jghid l-Art 181B tal-Kap 12.

**Tenut kont tal-parametri tal-azzjoni promossa mill-attur, din il-Qorti tghid illi l-eccezzjoni hija fondata, u sejra tkun milqugha, ghaliex ma kienx hemm htiega li l-Avukat Generali jkun involut bhala parti fil-kawza anke ghall-fini ta` integrita` ta` gudizzju.**

Fil-fatt l-Avukat Generali ma jiccentra f`xejn. La kien involut fl-iskemar ta` l-*cul de sac.* Lanqas ma kellu x`jaqsam max-xogholijiet li saru fil-*cul de sac.*

Anke meta l-attur kien mistoqsi dwar fiex kien involut l-Avukat Generali fil-kwistjoni tieghu, l-attur wiegeb illi huwa kien tkellem mal-Ministri involuti wkoll izda ma kienx jaf jekk kien hemm komunikazzjoni mal-Avukat Generali.

Fin-nota ta` sottomissjonijiet tieghu, l-attur isostni illi huwa inkluda lill-Avukat Generali bhala konvenut peress li jekk il-Qorti tordna li tinbeda procedura ta` esproprju, ikun l-Avukat Generali li ghandu r-responsabilita` li jara li tinhareg l-appozita dikjarazzjoni mill-President ta` Malta.

Din il-Qorti ma tarax li l-Avukat Generali kellu jkun imharrek peress li anke li kieku kellha taghti xi ordni biex tinbeda xi procedura ta` esproprjazzjoni, il-procedura kellha semmai tigi inizjata mill-Kummissarju tal-Artijiet li huwa mharrek ukoll fil-kawza tal-lum. Talba ghal esproprjazzjoni ma tinbediex mill-ufficju tal-President (ara s-sentenza tas-16 ta` Dicembru 2011 – PA/Kos – <u>Aldo Meli et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et</u>)

**ii. <u>Ir-raba` eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet</u>**

Bir-raba` eccezzjoni, il-Kummissarju ta` l-Artijiet eccepixxa illi huwa ma kienx il-legittimu kontradittur tal-attur kif spjegat stante li huwa jidderigi l-esproprju hekk kif ikun mitlub minnu dipartimenti ohra, u fl-ebda mument ma jkun parti fid-decizjoni dwar liema xogholijiet ghandhom isiru u l-medda ta` art li tkun mehtiega ghat-twettiq tal-progetti.

L-ilment tal-attur huwa illi mill-art tieghu ghaddiet triq, izda l-art baqghet qatt ma giet esproprijata. Dak illi kien attwalment esproprijat kienet l-art fejn saret il-*water culvert*.

Tajjeb osservat il-perit legali illi l-procedura ta` esproprjazzjoni taqa` fil-mansjonijiet tal-Kummissarju ta` l-Artijiet.

L-allegazzjoni ta` l-attur hija li huwa sofra esproprju akbar minn dak li effettivament kien mahsub ghall-*water culvert*.

Tajjeb jinghad illi fil-fatt il-Kummissarju ta` l-Artijiet ma ghandux x`jaqsam mad-decizjonijiet li jittiehdu dwar kemm u dwar liema art ghandha tigi esproprjata.

Fil-kaz tal-lum, jidher li l-Kummissarju ta` l-Artijiet ircieva talba ghal esproprjazzjoni minghand id-Dipartiment tat-Toroq fid-9 ta` Mejju 1995, u mexxa sabiex tkun esproprjata bicca art tal-kejl ta` 25 metri kwadri.

Ma rrizultax li l-Kummissarju ta` l-Artijiet kien involut fix-xogholijiet li saru wara fil-bqija ta` l-art ta` l-attur. Lanqas ma jirrizulta illi ta xi ordnijiet ohra ghall-esproprjazzjoni ta` aktar art proprjeta` ta` l-attur jew ta xi ordni sabiex isir ix-xoghol ghall-estensjoni tal-art.

Mill-provi jirrizulta li ma saret l-ebda talba kif ukoll ma harget l-ebda ordni biex tigi esproprijata estensjoni akbar ta` art proprjeta` ta` l-attur.

Ladarba t-talba tikkomprendi r-rilaxx ta` bicca art li llum hija *cul de sac,* pretensjoni li sar esproprju ikbar minn dak li effettivament kien ndikat fid-Dikjarazzjoni tal-President ta` Malta tas-26 ta` Ottubru 1995, il-Kummissarju ta` l-Artijiet tajjeb tressaq bhala konvenut fil-kawza.

Tajjeb jinghad ukoll illi fil-kaz illi l-Qorti tkun tal-fehma li ghandha taghti rimedji ohra fosthom dawk proposti fin-nota ta` sottomissjonijiet ta` l-attur, fis-sens li tinghata ordni biex tinbeda l-esproprjazzjoni tal-bqija ta` l-art ta` l-attur, m`ghandux ikun hemm, dubbju illi l-Kummissarju ta` l-Artijiet ikun il-legittimu kontradittur.

Fil-fatt hekk inghad fis-sentenza li tat din il-Qorti fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha fis-sentenza "**<u>Aldo Meli et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et</u>**" (op. cit.) :-

> *"Wiehed mir-rimedji li qeghdin jitolbu r-rikorrenti hu proprju li l-qorti tordna li ssir l-porzjon art li ttiehdet tigi esproprijata skond il-provvedimenti tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta` Art ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88). Hi d-diskrezzjoni tal-parti li taghmel kawza li tifformula t-talbiet kif jidhrilha xieraq, ghalkemm ovvjament hi kwistjoni ohra jekk it-talba kif proposta ghandiex tintlaqa`. Skond din il-ligi l-Kummissarju tal-Artijiet ghandu l-poter li jakkwista immobbli ghal skop pubbliku (Artikolu 5), u jidher ghal Gvern ta` Malta. M`hemmx dubju li l-art li fuqha ghaddiet il-Bypass ta` Birkirkira kienet mehtiega li tittiehed ghal skop pubbliku.*
>
> *Ghalkemm skond l-Artikolu 3 hu l-President ta` Malta li permezz ta` dikjarazzjoni jiddikjara li art hi mehtiega ghal skop pubbliku, hu maghruf li l-process ta` esproprijazzjoni ma jibdiex direttament mill-ufficcju tieghu. Mehud in konsiderazzjoni tar-rimedju li qieghed jintalab mir-rikorrenti, jidher li l-Kummissarju tal-Artijiet hu legittimu kontradittur. Ghalhekk il-qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Kummissarju tal-Artijiet bl-ispejjez kontra tieghu."*

Fl-isfond tal-premess, din il-Qorti tikkondividi l-konkluzjoni tal-perit legali.

**Ghalhekk sejra tichad din l-eccezzjoni.**

**iii. L-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` tal-Ippjanar**

Bl-ewwel eccezzjoni, kienet eccepita l-preskrizzjoni ta` l-azzjoni attrici abbazi tal-fatt li l-Awtorita` qatt ma giet interpellata b`att gudizzjarju kif trid il-ligi.

Fin-nota ta` sottomissjonijiet taghha, l-Awtorita` pprecizat illi kienet qeghda tirreferi ghall-**Art 460 tal-Kap 12**.

Il-Qorti tirrimarka illi mhux felici l-mod kif kienet ifformulata l-eccezzjoni, u dan peress illi l-Art 460 tal-Kap 12 jimpingi fuq il-validita` tal-procediment u ma ghandhux x`jaqsam ma` preskrizzjoni.

Minkejja dan, il-Qorti sejra xorta wahda tqis l-eccezzjoni peress li dan il-privilegg proceduràli huwa wiehed ta` ordni pubbliku, u l-persuni li favurihom japplika lanqas jistghu jirrinunzjaw ghalih jew ma jinsistux izjed dwaru, minbarra l-fatt li l-kwestjoni tista` titqajjem mill-Qorti *ex officio.* (ara d-decizjoni ta` din il-Qorti diversament ippreseduta tas-7 ta` Mejju 1999 fil-kawza **Dominic Savio Spiteri vs Onor Prim Ministru et** li kienet ikkonfermata mill-Qorti ta` l-Appell fis-27 ta` Frar 2004).

**L-Art 460 tal-Kap 12** ighid :-

*(1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), ebda att gudizzjarju li bih jinbdew xi procedimenti ma jista` jigi pprezentat, u ebda procedimenti ma jistghu jittiehdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista` jigi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalità ufficjali taghha, hlief wara li jghaddu ghaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta` ittra ufficjali jew ta` protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tigi mfissra b`mod car.*

*(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma japplikawx –*

*(a) ghal azzjonijiet ghal rimedju taht l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni; jew*

*(b) ghal mandati ta` inibizzjoni; jew*
*(c) ghal azzjonijiet ghall-korrezzjoni ta` atti tal-istat civili; jew*
*(d) ghal azzjonijiet li ghandhom jinstemghu bl-urgenza;*
*(e) ghal riferenzi ta` tilwimiet ghall-arbitragg,*

*u meta skont id-disposizzjonijiet ta` xi ligi ghandha tigi mharsa procedura partikolari, maghdud terminu jew zmien iehor, iddisposizzjonijiet tas-subartikolu (1) m`ghandhomx japplikaw u limsemmija procedura, maghdud kull terminu jew zmien iehor, ghandha tapplika u tigi mharsa minflokhom.*

*(3) Kawzi kontra l-Gvern li dwarhom ikun hemm fis-sehh mandat ta` inibizzjoni ghandhom jinstemghu mill-Qorti b`urgenza u bi preferenza ghal kawzi ohra.*

Minn qari ta` dan l-artikolu, jidher li kwalunkwe kawza li ssir kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita` ufficjali taghha, ghandha issir wara li jghaddu ghaxart ijiem min-notifika kontra dik il-persuna ta` ittra ufficjali jew ta` protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tigi mfissra b`mod car.

L-Awtorita` ta` l-Ippjanar kienet trattata fil-gurisprudenza taghna bhala awtorita` pubblika, u ma ghandu jkun hemm ebda dubju li l-Awtorita` twettaq funzjonijiet pubblici u thaddan kwalita` ta` awtorita` pubblika b`kariga pubblika. Ghaldaqstant bhal fil-kaz ta` entitajiet ohrajn moghnija b`setghat ta` awtorita` pubblika u mahluqa b`ligi, l-Awtorita` ghandha titqies bhala wahda mill-korpi li ghalihom jghodd l-Art 460 tal-Kap 12

**Il-gurisprudenza nostrana ghamlet car illi jekk ma tkunx giet segwita l-procedura stabbilita bl-Art 460 tal-Kap 12, l-azzjoni tkun irregolari u nulla.**

Kawza ta` interess dwar dan il-punt, citata mill-perit legali, kienet dik fl-ismijiet **Samantha Grima vs Kevin Micallef et** li kienet deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta` Jannar 2012.
Fil-kors ta` dik il-kawza wiehed mill-konvenuti kien eccepixxa n-nullita` tal-azzjoni billi ma kienx osservat l-Art 460 tal-Kap 12.

Il-Qorti qalet hekk :-

*Fil-kawza fl-ismijiet* ***V. G. Tiles Co. Limited vs Malta Industrial Parks Limited****, (Cit. Nru. 355/07FS) deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fit-13 ta` Mejju, 2007 inghad:*

***D3. Gurisprudenza fuq l-artikolu 460 tal-Kap 12:***

*Kull att gudizzjarju li jigi prezentat fir-Registru tal-Qorti kontra d-disposizzjonijiet ta` l-artikolu 460 tal-Kap 12 huwa irritu u null. - Ara PA* ***Gauci vs Registratur tal-Qorti et*** *1/2/90,* ***Dr. L. Vella et vs Ronald Grech*** *et 22/6/92,* ***Roger Sullivan noe vs Kontrollur tad-Dwana*** *15/1/93,* ***Michael Spiteri vs Chairman ta` l-Awtorita` ta` l-Ippjanar et noe*** *2/10/96,* ***Domenico Savio Spiteri vs Chairman ta` l-Awtorita` ta` l-Ippjanar*** *29/5/97. Fis-sentenza tal-kawza fl-ismijiet* ***Smash Communications Limited vs Malta Communications Authority*** *Prim`Awla tat-22 ta` Novembru 2007gie ritenut illi "l-kelma `persuna` kif uzata fl-Artikolu 460(1) tal-Kap. 12 tinkludi wkoll persuna guridika".*

*Meta persuna tkun trid tistitwixxi kawza kontra l-Awtorita` ta` l-Ippjanar, qabel ma ssir ic-citazzjoni l-attur irid jinforma lill-Awtorita`, permezz ta` ittra ufficjali jew protest gudizzjarju, li ghandha intenzjoni taghmel kawza. Jekk din l-ittra ma tintbaghat, a tenur tal-art 460 tal-KOPC, il-kawza tkun nulla [*<u>***Sunny Coast (Caterers) Limited vs Awtorita` ta` l-Ippjanar***</u> *deciza PA – Imh R Pace fit 13 ta` Lulju, 2000.*

*Fis-sentenza tal-Prim`Awla tas-26 ta` Gunju 2003, flismijiet* ***Emanuel Bugeja vs Mary Rose Bugeja et*** *il- Qorti qalet:*

*"Illi l-imsemmi artikolu huwa privilegg procedurali moghti lill-Gvern f kawzi li fihom ikun imharrek u gie mfisser bhala regola ta` ordni pubbliku, u japplika ghal kull ghamla ta` att gudizzjarju li bih jinbdew procedimenti kontra l-Gvern... Illi l-imsemmi privilegg, jekk ma jitharisx, iwassal ghan-nullita` ta` l-azzjoni li tkun ittiehdet bi ksur tieghu."*

*L-imsemmi artikolu jimponi doveri fuq ir-Registratur. Infatti fis-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell (Sede Inferjuri) tal-10 ta` April 2003 fl-ismijiet* ***Salvatore Ellis et noe vs Il-Kontrollur tad-Dwana*** *ntqal:*

*"Huwa desumibbli mill-artikolu appena citat illi l-ligi tirrikjedi tassattivament il-prezentata ta` ittra ufficjali jew ta` protest. Mhux hekk biss pero` ghax l-istess dispost jissokta jghid illi r-Registratur ghandu jirrifjuta li jircievi l-att gudizzjarju jew dokument iehor li jigi pprezentat fir- Registru kontra d-disposizzjonijiet ta` dan l-artikolu. Fuq dan l-ahhar punt tajjeb li jinghad illi kif akkolt filgurisprudenza anke f kaz illi r-Registratur ikun ippermetta l-prezentata tac-citazzjoni l-istess ma tistax tissana nnullita` imposta mil-ligi."*

*Ara wkoll sentenza Prim`Awla tal-25 ta` Jannar 1991 flismijiet* ***Ines Calleja et vs Gaetano Spiteri et.***

*Ukoll fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta` l-Appell tas-27 ta` Frar 2004 tal-kawza fuq imsemmija fl-ismijiet* ***Domenico Savio Spiteri vs Chairman ta` l-Awtorita` ta` l-Ippjanar*** *[deciza mill-Prim`Awla fid-29/5/97] gie ritenut li n-nuqqas ta` osservanza tal-provvedimenti ta` l-Art. 460 tal-Kap. 12 mhux talli jgib mieghu l-piena tan-nullita` ta` l-att li bih ikunu nbdew il-proceduri, izda jgib mieghu ukoll in-nullita ta` kull att relattiv u sussegwenti.*

*Infatti intqal :*

*"Minn ezami ta` l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 johrog bic-car li l-legislatur ried jimponi tassattivament l-obbligu li ebda att gudizzjarju, fosthom wiehed bhac-citazzjoni ta` l-attur, ma jista` jigi pprezentat hlief wara li jghaddu ghaxart ijiem minnotifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorita` jew persuna kif hemm imsemmi fil-ligi stess, ta` ittra ufficcjali jew ta` protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tigi mfissra b`mod car... Minn ezami tal-provi mbaghad jirrizulta li fil-mument li l-attur ipprezenta c-citazzjoni in ezami - bi ksur allura ta` l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 - haga bhal din ma setax jaghmilha, bil-konsegwenza li dak kollu li avvera ruhu in segwitu kien irritu u null, u bhala tali ma seta` jipproduci ebda effett."*

Fl-istess sens kienet id-decizjoni ta` din il-Qorti diversament ippreseduta tal-25 ta` Frar 2016 fil-kawza **Oliver Ruggier vs Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

Inghad :-

*Illi dwar il-**konsiderazzjonijiet legali marbuta** mal-eccezzjoni taht ezami, jibda biex jinghad li l-artikolu 460(1) tal-Kodici tal-Procedura Civili jrid li l-ebda att gudizzjarju li bih jinbeda procediment ma jista` jitressaq u ebda procediment ma jista` jittiehed jew jinbeda kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita` mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita` ufficjali taghha qabel ma jghaddu ghaxart ijiem min-notifika b`ittra ufficjali jew protest li jfissru b`mod car il-pretensjoni jew talba lill-Gvern, awtorita` jew persuna bhal dak;*

*Illi hemm qbil li l-attur ma baghat ebda interpellazzjoni gudizzjarja lill-Awtorita` mharrka qabel ma fetah din il-kawza....*

*Illi l-Qorti taghraf li l-htiega tal-hrug ta` talba gudizzjarja qabel tista` tinfetah kawza jew jittiehed procediment iehor hija regola procedurali li taghti privilegg lill-Gvern, korpi u persuni msemmija f'kawzi li fihom ikunu mharrkin, liema privilegg gie mfisser li*

*japplika ghal kull ghamla ta` att gudizzjarju li bih jinbdew procedimenti kontra l-Gvern, dawk il-korpi jew dawk il-persuni. Bhala tali, din ir-regola tirrapprezenta limitazzjoni fuq il-jedd tal-persuna li tfittex il-jeddijiet taghha konta l-amministrazzjoni pubblika. Hija regola iebsa li tezigi li tinghata tifsira restrittiva biex ma tohnoqx bla bzonn l-azzjoni gudizzjarja kontra l-awtorita` pubblika fejn din tista` tibqa` miexja `l quddiem. Jibqa` dejjem li dan il-privilegg procedurali huwa wiehed ta` ordni pubbliku, u l-persuni li favurihom japplika lanqas jistghu jirrinunzjaw ghalih jew ma jinsistux izjed dwaru, minbarra l-fatt li l-kwestjoni tista` titqajjem mill-Qorti ex ufficio. Jinghad ukoll illi min ikun irid iressaq azzjoni kontra l-amministrazzjoni pubblika jrid jara li jhares b`reqqa dak li jitlob l-imsemmi artikolu, u li tali azzjoni titressaq kontra dik l-Awtorita` li tkun giet interpellata;*

*Illi minn qari xieraq ta` kliem il-ligi, jissemma x`ghandu jitlob att gudizzjarju li ghalih jghodd l-artikolu 460(1). Il-ligi tghid li f dak l-att "il-pretensjoni jew it-talba tigi mfissra b`mod car". B`dan, il-Qorti tifhem li mhux kull att gudizzjarju jkun jghodd bhala `twissija` lill-awtorita` pubblika ghall-finijiet tal-imsemmi artikolu, izda trid issir talba jew interpellazzjoni li tfisser sewwa x`inhu l-ilment li l-mittenti jistenna li l-awtorita` intimata tindirizza.*

L-istess insenjament kien riaffermat fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-24 ta` Novembru 2010 fil-kawza <u>Gopinath Venugopal Jeyakrishna Moorthy et vs Chairman Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig</u>.

Hemm ukoll kien eccepit illi l-azzjoni attrici ma kenitx tiswa` ghaliex ma kienx osservat dak illi jipprovdi l-Art 460 tal-Kap 12.

Hemm inghad illi n-nullita` li ggib in-nuqqas ta` harsien tal-procedura li ghandha ssir qabel ma jingieb `il quddiem l-att hija wahda assoluta, u mhijiex sanabbli kontra l-imharrkin kollha.

Il-Qorti qalet hekk :-

*Illi b`konsiderazzjoni tal-aspetti legali tal-eccezzjoni taht ezami jibda biex jinghad li l-artikolu 460 tal-Kodici tal-Procedura civili jrid li l-ebda att gudizzjarju li bih jinbeda procediment ma jista` jitressaq u ebda procediment ma jista` jittiehed jew jinbeda kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita` mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalita` ufficjali taghha qabel ma jghaddu ghaxart ijiem min-notifika b`ittra ufficjali jew protest li jfissru b`mod car il-pretensjoni jew talba lill- Gvern, awtorita` jew persuna bhal dak;*

*Illi l-attur stqarr li, qabel fetah din il-kawza, ma kienx interpella lill-ETC b`att gudizzjarju dwar l-ilment li llum qieghed iressaq kontriha f din il-kawza …*

*Illi hu xieraq jinghad li dan l-artikolu huwa wahda mid-dispozizzjonijiet li l-ligi tikkontempla fir-rigward ta` proeeduri gudizzjarji li fihom ikun imdahhal il-Gvern, korp statutorju jew korporazzjoni mwaqqfa bil-Kostituzzjoni. F din l-ghamla ta` proceduri, l-ligi taghti lill-Gvern certi privileggi. Minhaba f hekk, u billi dawn id-dispozizzjonijiet huma ta` natura partikolari, ghandhom jitqiesu bhala eccezzjoni ghar-regoli generali procedurali u fl-istess waqt jithaddmu fi hdan il-qafas shih ta` dak li jipprovdi l-Kodici tal-Procedura;*

*Illi mill-kliem iebes tal-imsemmi artikolu 460 johrog car li mhux talli att gudizzjarju (li mhux ittra ufficjali jew protest gudizzjarju) ma jiswiex u ma jistax jitmexxa `l quddiem kontra l-Gvern, awtorita` jew persuna pubblika, kif inghad, izda li lanqas biss imissu jithalla jitressaq mir-Registratur tal-Qrati. Il-ligi tuza l-kliem "ipprezentat", "jittiehdu jew jinbdew" u "mitlub", li lkoll juru bid-dieher li l-hsieb tal- legislatur kien li l-atti mressqa bi ksur ta` dawk id-dispozizzjonijiet jintlaqtu mortalment mill-bidunett;*

*Illi f ghadd ta` sentenzi li nghataw minn dawn il-Qrati fit- tifsir li huma taw lil dan l-artikolu, inghad dejjem li l- azzjonijiet li ma jaqghux taht il-morsa tal-imsemmi artikolu 460 huma dawk li jissemmew b`mod tassattiv fis- subartikolu (2) ta` dak l-artikolu. Kull azzjoni ohra li taqa` `l barra minn dawk il-kazijiet specifici trid ta` bilfors tghaddi mill-gharbiel preventiv tal-interpellazzjoni gudizzjarja* **u** *l-moghdija ta` zmien ta` ghaxart ijiem minn mindu l-Gvern, awtorita` jew persuna pubblika tkun laqghet ghandha dak l-att gudizzjarju interpellatorju. Ittri interpellatorji jew minn idejn avukat li ma jkunux atti gudizzjarji ma jghoddux ghal daqshekk;*
*Illi din il-Qorti, madankollu, tqis li fil-kaz li ghandha quddiemha, l-att (jigifieri r-rikors promotur) mhux biss tressaq, imma thalla mir-Registratur tal-Qrati jimxi `l quddiem tant li assenjah bhala kawza biex tinstema` minn din il-Qorti. Dan in-nuqqas wahdu ma jservix biex dak li ma jiswiex igibu jiswa, imma jista` jkun indikattiv hafna jekk fil-fatt jirrizulta li l-att promotur mhux milqut minn nullita`;*

*Illi l-Qorti tqis ukoll li, skond ma nghad f sentenzi ta` dawn il-Qrati, dan il-privilegg procedurali huwa wiehed ta` ordni pubbliku, u l-persuni li favurihom japplika lanqas jistghu jirrinunzjaw ghalih*

*jew ma jinsistux izjed dwaru, minbarra l-fatt li l-kwestjoni tista` titqajjem mill-Qorti ex officio;*

*Illi l-imsemmi artikolu huwa privilegg procedurali moghti favur il-Gvern, korpi u persuni msemmija f kawzi li fihom ikunu mharrkin, liema privilegg gie mfisser li japplika ghal kull ghamla ta` att gudizzjarju li bih jinbdew procedimenti kontra l-Gvern, dawk il-korpi jew dawk il-persuni. L-ghan ghal dak l-artikolu huwa li jipprovdi l-opportunita` li jiddefendu lilhom infushom;*

*Illi l-Qorti taghraf li kien hemm zmien meta l-fehma tal-Qrati kienet sahansitra li att gudizzjarju mressaq bhala bidu ta` kawza kontra l-Gvern li ma jintweriex li kien precedut minn ittra ufficjali jew protest kif jinghad fl-artikolu 460, mhux biss huwa null imma inesistenti ghax ir-Registratur ma jmissux imqar laqghu meta tressaq quddiemu (ara P.A. FGC: **5.2.1999** fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Bellizzi vs Avukat Generali** (mhix pubblikata). Minbarra dan, inghad li, **proprju minhabba l-kliem uzat fl-artikolu in kwestjoni, n-nullita` li jgib in-nuqqas ta` harsien tal-procedura li ghandha ssir qabel ma jingieb `il quddiem l-att hija wahda assoluta li mhix sanabbli tal-procediment kollu mhux biss fil-konfront tal-Gvern imharrek imma wkoll, jekk ikun il-kaz, fil-konfront tal-imharrkin l-ohrajn ukoll, anke jekk dawn ma jistghux minn jeddhom jinvokaw dak il-privilegg f isimhom** (Ara P.A. FGC: **22.6.1992** fil-kawza fl-ismijiet **Avukat Dr. Louis Vella et vs Ronald Grech et** (mhix pubblikata);...Illi ghalhekk, il-Qorti tasal ghall-fehma li l-azzjoni mibdija mill-atturi kontra l-ETC riedet thares il-procedura stabilita fl-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta u li n-nuqqas ta` tharis ta` dawk id-dispozizzjonijiet igibu ma tiswiex l-istess azzjoni."*

[l-enfasi huwa ta` din il-qorti].

**Ghalkemm abbazi ta` din id-decizjoni inghad illi n-nullita` li ggib in-nuqqas ta` harsien tal-procedura hija assoluta kontra l-imharrkin kollha, tajjeb jinghad illi fil-kaz tal-lum irrizulta illi l-konvenuti l-ohra kienu lkoll notifikati b`att gudizzjarju kif previst bl-Art 460 tal-Kap 12, u ghalhekk din il-Qorti mhijiex tal-fehma li l-procediment ghandu jitqies null anke fil-konfront tal-imharrkin l-ohra.**

Fil-linja li qeghda tiehu, il-Qorti ssib konfort fis-sentenza li nghatat fit-2 ta` Marzu 2016 meta kienet diversament presjeduta fil-kawza **Jac Steel Limited vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et**

Hemm l-eccezzjoni skont l-Art 460 tal-Kap 12 kienet milqugha biss fil-konfront ta` l-Awtorita` ta` l-Ippjanar izda mhux ukoll fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Hemm kien deciz illi l-kawza kellha tkompli titmexxa kontra l-Kummissarju tal-Pulizija peress li kienet ukoll ir-rizultat dirett u mehtieg tal-ilqugh tal-Mandat ta` Inibizzjoni mitlub minn Jac Steel Limited u ghalhekk kienet tiskatta l-eccezzjoni ravvizata fl-artikolu 460(2) tal-Kap 12 b`dana li ma jidhirx li kien mehtieg li r-rikorrenti terga` tinterpella lill-Kummissarju mharrek b`att gudizzjarju qabel fethet il-kawza.

Inghad :

*Illi l-fatt li l-Qorti sejra tilqa` l-eccezzjoni tal-Mepa ma jwassalx, f'dan il-kaz, ghad-dikjarazzjoni li l-azzjoni kollha ta` Jac titqies minghajr siwi. Dan qieghed jinghad ghaliex, kif issemma qabel, fir-rigward tal-Kummissarju mharrek ma kienx hemm l-ebda ksur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 460, ladarba din il-kawza nfethet wara li nhareg il-Mandat ta` Inibizzjoni. Minbarra f'dan, jidher li ghandha titqies bhala tajba u ta` min jimxi maghha dik il-linja ta` decizjonijiet li tghid li n-nullita` tal-azzjoni li tinfetah bi ksur tal-artikolu 460 tal-Kap 12 tghodd biss ghal dawk l-awtoritajiet pubblici li lilhom tolqot u mhux lil kull min jista` jkun imharrek fil-kawza.* ***Fi kliem iehor, in-nullita` li tigri bin-nuqqas ta` tharis tal-imsemmi artikolu tal-ligi tolqot biss lil dik il-parti li fil-konfront taghha jkun sehh dak in-nuqqas.****Illi ghalhekk, il-fatt li l-Qorti sejra tilqa` l-eccezzjoni preliminari mqajma mill-Mepa, din mhijiex sejra tibdel il-qaghda tal-imharrek Kummissarju tal-Pulizija li tharrek tajjeb.*

(enfasi ta` din il-Qorti)

(ara wkoll : PA – 25 ta` Jannar 1991 - <u>Ines Calleja et vs Gaetano Spiteri et</u> ; u Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni ta` Gurisdizzjoni Generali - 30 ta` Marzu 2007 - <u>Francis Camilleri vs Peter Paul Camilleri et</u>)

Il-Qorti hija konsapevoli tal-fatt illi d-decizjonijiet appena citati kienu jirrigwardaw kawzi fejn kien hemm kwistjonijiet dwar registrazzjoni ta` mmobbli mar-Registru ta` l-Artijiet.

Hija wkoll konsapevoli ta` gurisprudenza li ma qablitx ma` dawn l-insenjamenti fosthom is-sentenza li tat il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)

Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Generali fil-31 ta` Ottubru, 2014 fil-kawza Maria armla Scicluna et vs Raymond Azzopardi et.

Madanakollu, din il-Qorti hija tal-fehma li ladarba fil-kaz tal-lum, il-procedura skont l-Art 460(1) tal-Kap 12 kienet segwita fir-rigward tal-konvenuti l-ohra, il-fatt li dik il-procedura ma kenitx segwita firl-kaz tal-Awtorita` ta` l-Ippjanar ma tirrendix il-kawza nulla fil-konfront ta` l-konvenuti l-ohra.

Punt iehor li ghandu jkun mistharreg huwa jekk il-kaz tal-lum jaqax taht xi wiehed mill-kazijiet imsemmija fl-artikolu 460(2) tal-Kap 12 ghaliex jekk fl-affermattiv, ir-regola tal-Art 460(1) tal-Kap 12 ma tkunx tapplika.

Waqt it-trattazzjoni bil-fomm, id-difensur ta` l-attur ghamel l-argument illi fil-kaz taht ezami qamu kwistjonijiet dwar tgawdija ta` proprjeta` mhux biss kif stabbiliti fl-Art 321 tal-Kap 16, izda wkoll kif sanciti fil-gurisprudenza dwar il-jeddijiet fondamentali skont l-Art 37 tal-Kostituzzjoni u Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni.

Tajjeb li jsir apprezzament ta` dan l-argument ghaliex jekk il-kawza tal-lum ghandha xejra u konsegwenzi kostituzzjoniali, jiskatta dak li jghid l-Art 460(2) tal-Kap 12 ghaliex wahda mill-eccezzjonijiet ghall-ewwel subinciz hija propju azzjonijiet ghal rimedju skont l-Art 46 tal-Kostituzzjoni.

Il-Qorti hasbet dwar dan l-aspett.

U tghid illi dan tal-lum mhuwiex proceddiment kostituzzjonali.

It-talbiet huma tnejn : (i) li jigi ffissat terminu qasir u perentorju f` liema l-intimati jew min minnhom ikunu obbligati sabiex jirrilaxxjaw il-proprjeta` in kwistjoni ; u (ii) li jigu likwidati d-danni sofferti mill-esponenti u tikkundanna l-istess intimati jew min minnhom biex ihallsu tali danni likwidati lir-rikorrenti.

Il-konvenuti jinsistu illi mkien fil-premessi ma kien hemm rabta ma` ksur ta` xi jedd fondamentali tutelat bil-Kostituzzjoni jew bil-Konvenzjoni.

Il-perit legali kienet tal-istess fehma.

Fid-decizjoni illi tat il-Qorti tal-Appell fl-24 ta` Gunju 2011 fil-kawza "**Joseph Mary Farrell vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**" qalet hekk :-

*Hu maghruf li kawzi quddiem il-qrati superjuri jridu jimxu a bazi tal-kawzali kif imressqa ghal quddiemha mir-rikorrenti, u jekk talba tkun mitluba a bazi ta' kawzali partikolari, mhux lecitu ghall-parti jew ghall-qorti tinvestiga lill' hinn minn dik il-kawzali. Kif intqal, per ezempju, mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kaz* ***Azzopardi v. Azzopardi****, deciza fil-31 ta' Jannar, 2003, "il-Qorti ghandha toqghod fuq il-kawzali u t-talba dedotta u xejn izjed".*

Da parti tieghu l-attur semma waqt it-trattazzjoni orali li kien qed jistenna l-ezitu tad-decizjoni li kellha tinghata mill-Qorti ta` l-Appell fir-rigward ta` kwistjoni simili ghal kaz odjern.

Minn ricerka li ghamlet din il-Qorti, hija sabet li nghatat decizjoni mill-Qorti ta` l-Appell fis-27 ta` Mejju 2016 fl-ismijiet **Michael Debono Limited et vs Awtorita` ta` Malta dwar L-Ambjent u l-Ippjanar et.**

Fost l-aggravji kien hemm aggravju dwar l-allegata nullita` tad-dikjarazzjoni li ghamlet l-Ewwel Qorti fis-sens illi l-inkluzjoni tal-proprjeta` fi *strategic open gap* kien jamonta ghal ksur tal-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni. L-Avukat Generali lmenta li l-azzjoni ma kenitx istitwita skont il-procedura kontemplata fl-Art 46(1)) tal-Kostituzzjoni jew l-Art 4(1) tal-Konvenzjoni ; tant lanqas mal-procedura skont l-Art 95(2) tal-Kostituzzjoni. Kienet invece procedura ta` stharrig gudizzjarju li ma jaqax fil-kwadru tal-Art 469A tal-Kap 12. Is-setgha li ghandha l-Prim`Awla tal-Qorti Civili biex tistharreg l-eghmil u decizjonijiet ta` korpi gudizzjarji jew kwazi-gudizzjarji temani mill-Art 32 tal-Kapitolu 12.

L-Avukat Generali kompla jilmenta li ghalkemm is-socjeta` appellata ippremettiet li l-klassifikazzjoni tal-art bhala "*strategic open gap*" tammonta ghal esproprju tad-drittijiet bhala sid minghajr hlas ta` kumpens, hija qatt ma talbet li tali klassifikazzjoni tigi dikjarata bhala lesiva tad-drittijiet fundamentali. Huwa ghalhekk sostna li d-dikjarazzjoni tal-Ewwel Qorti fuq riferita kienet nulla skont l-Art 790 tal-Kap. 12 mhux biss (i) ghaliex tali dikjarazzjoni ma setghetx issir f`sede civili ordinarja taghha, izda wkoll (ii) ghaliex ma kien hemm l-ebda talba f`dan is-sens.

Il-Qorti ta` l-Appell osservat hekk :-

*Dwar is-"sede ordinarja taghha" li jsemmi l-Avukat Generali, kif tajjeb irrispondew is-socjetajiet atturi fir-risposta tal-appell taghhom,*

*ghandu jinghad li l-Prim`Awla tal-Qorti Civili hija sede wahda, u ghalkemm dahlet il-prassi li tinkiteb "Sede Kostituzzjonali" taht ir-riferenza tal-Qorti, din ssir ghal raguni ta` praticità u ma hijiex ghalkollox korretta. Il-Prim`Awla ghandha fil-fatt il-kompetenza li tiddeciedi kwistjonijiet ta` ksur ta` jedd fundamentali kemm taht il-Kostituzzjoni kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea.*

*Dwar il-fatt li s-socjetajiet atturi ma ghamlux talba specifika ghal dikjarazzjoni ta` ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom fir-rikors promotur, dan huwa minnu. Fil-fatt is-socjetajiet atturi "accennaw" ghal ksur ta` xi dritt fundamentali taghhom fil-paragrafu numru 7 tar-rikors promutur fejn jghidu :*

*"Inoltre u fi kwalsiasi kaz, il-klassifikazzjoni tal-art bhala "strategic open gap" tammonta ghal esproprju tad-drittijiet tal-mittenti bhala sid minghajr hlas ta` ebda kumpens u inoltre jigi rilevat li fil-kaz in dezamina in kwantu l-agir tal-awtorita` tista` titqies bhala kontroll t`uzu tal-art, ma tikkreax bilanc gust bejn l-interessi tas-sid u dak tal-pubbliku".*

*Issa t-talbiet tas-socjetajiet atturi kienu dawn :*

*"1. Tiddikjara illi d-decizjoni tal-awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kif fuq premess hija nulla u illegali ghar-ragunijiet hawn imfissra u kif ser jirrizulta tul it-trattazzjoni tal-kaz;*

*"2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex immedjatament u minghajr dewmien jannullaw u jirrexxindu kull decizjoni minnhom mehuda fir-rigward;*

*"3. Tiddikjara l-konvenuti responabbli ghad-danni li ser isofru l-atturi b`rizultat tal-izvilupp premess, salv likwidazzjoni permezz ta` kawza ulterjuri.*

*Fil-mori tal-kawza donnu nhass il-bzonn li jigi kkjarifikat x`tip ta` azzjoni kienu qeghdin jippromwovu ... Ghalkemm il-prassi illi jinbidel il-binarju ta` kawza wara li tkun infethet hija biss eccezzjonalment ammissibbli, l-ewwel Qorti ippermettiet dan il-bdil x`aktarx ghax dehrilha illi dan ma kienx bdil ta` binarju izda "precizazzzjoni" tal-bazi tal-azzjoni, kif wara kollox mitlub mill-Awtorita` konvenuta fl-ewwel eccezzjoni taghha billi l-bazi tal-azzjoni, ma kinitx tohrog b`mod univoku mir-rikors mahluf. Ghalhekk l-ewwel Qorti qaghdet fuq il-verzjoni li l-kawza kienet wahda ta` stharrig gudizzjarju li ma jaqax taht il-provvediment tal-Art 469A.*

*Din il-Qorti aktar temmen illi l-azzjoni tassew kienet mahsuba bhala wahda taht l-Artikolu 469A, u illi r-referenza ghal "esproprju bla*

*kumpens" saret biex l-ghemil amministrattiv impunjat jintlaqat bl-Artikolu 469A(1)(a); temmen ukoll illi l-atturi hadu l-opportunita` li nghatatilhom bl-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` konvenuta biex effettivament jibdlu l-bazi tal-azzjoni biex jevitaw l-eccezzjoni ta` dekadenza li tressqet fl-eventwalita` li l-azzjoni titqies bhala maghmula taht l-Artikolu 469A.*

*Madankollu l-Qorti hija tal-fehma li f'dan l-istadju, u aktar u aktar fid-dawl tal-fatt li l-konvenuti ma humiex, f'dan l-istadju, qeghdin jinsistu fuq l-eccezzjoni ta` dekadenza u accettaw li l-azzjoni hi wahda ta` sindakar ta` ghemil amministrattiv mhux taht l-Artikolu 469A ma ghandhiex tiddisturba d-decizjoni tal-ewwel Qorti.*

*Tifdal il-kwistjoni jekk l-ewwel Qorti iddecidietx extra petita meta sabet ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll jekk ma saritx talba specifika ghalhekk.*

*Ghalkemm huwa minnu li s-socjetajiet atturi qatt ma talbu specifikatament li jigi dikjarat li sofrew ksur ta` dritt fundamentali, fl-ewwel talba talbu li d-decizjoni tal-MEPA tigi dikjarata nulla "ghar-ragunijiet hawn imfissra". Issa r-ragunijiet imfissra fil-premessi huma bazikament tnejn:*

*(1) l-ilment li l-inkluzjoni tas-sit fl-istrategic open gap hija abbuziva u mehuda irragonevolment; u*

*(2) l-ilment li l-inkluzjoni tas-sit fl-istrategic open gap tammonta ghal "kontroll ta` uzu tal-art" u "minghajr hlas ta` ebda kumpens" u "ma tikkreax bilanc gust" (li huma keyphrases li bla dubju jaccennaw ghal ksur ta` dritt fundamentali).*

*Dwar l-ewwel ilment l-ewwel Qorti irriteniet li l-kontestazzjoni hija dwar id-decizjoni u mhux ghaliex ma gietx segwita l-procedura. Qalet li ma jidher li hemm xejn fil-ligi li jipprojbixxi li fi pjan lokali xi art f'Malta tigi klassifikata bhala strategic open gap, u li l-fatt li hemm bini ma jidhirx li jipprekludi li l-proprjeta` tigi inkluza.*

*Dwar l-ilment l-iehor l-ewwel Qorti spjegat li dan huwa relatat mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Hija dahlet f'kwistjonijiet li jirrigwardaw il-ksur ta` jedd fundamentali u sabet li effettivament kien hemm ksur. Jidher li ghalkemm sabet li hemm ksur ma dehrilhiex li kellha tiddikjara n-nullita` tal-att de quo minhabba tali ksur kif mitlub fl-ewwel talba. Hija fil-fatt cahdet l-ewwel talba u cioe` li d-decizjoni tal-MEPA hija nulla ghar-ragunijiet imsemmija. Ghazlet pero` li tiddikjara separatament li l-inkluzjoni tal-proprjeta` fi strategic open gap jekwivali ghal kontroll ta` uzu tal-art minghajr bilanc gust bejn l-interessi tas-sid u dak tal-pubbliku bi ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Din il-Qorti ma tarax li tali dikjarazzjoni ghandha tigi kkonsidrata nulla anke jekk ma kienx hemm talba specifika biex tippronunzja ruhha b`dan il-mod. Fil-fatt, li kieku saret talba specifika l-kawza kien ikollha tinbeda b`rikors kostituzzjonali u mhux b`rikors mahluf kif fil-fatt gara. Effettivament, l-indagni dwar drittijiet fundamentali tqieset mill-ewwel Qorti bhala wahda incidentali li kellha tqisha bis-sahha tal-Artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea a contrario sensu. Wara kollox, il-proviso ghall-art. 34 tal-Kap. 12 jipprovdi espressament ghall-possibilità li jigu diskussi u decizi punti ta` ligi dwar drittijiet fondamentali meta ma tkunx intalbet decizjoni dwar hekk. Anke jekk dehrilha li dan il-ksur fil-konfront tas-socjetajiet atturi ma kellux iwassal ghan-nullita` tad-decizjoni tal-MEPA (kif mitlub fl-ewwel talba) din il-Qorti ma tarax ghaliex ma kellhiex taghmel id-dikjarazzjoni li ghamlet ladarba kien parti mill-kompitu taghha u marbut indirettament mal-ewwel talba."*

Dan premess, fil-kawza tal-lum it-talbiet saru kif gej :-

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti toghgobha, previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, illi tipprovdi lil rikorrenti b`**<u>kull rimedju li jidhrilha xieraq u</u> <u>opportun</u>**, inkluz*

*(1) Tiffissa terminu qasir u perentorju f liema l-intimati jew min minnhom ikunu obbligati sabiex jirrilaxxjaw il-proprjeta` in kwistjoni;*

*(2) Tillikwida d-danni sofferti mill-esponenti mill-**<u>fuq premess</u>** u tikkundanna l-istess intimati jew min minnhom biex ihallsu d-danni lill-rikorrenti.*

[enfasi u sottolinear ta` l-qorti].

Ghalhekk il-Qorti ntalbet sabiex taghti dawk ir-rimedji li jixirqilha opportuni ghall-vjolazzjoni allegata inkluz fost ohrajn likwidazzjoni ghal danni sofferti kagun tal-fuq premess.

Minn ezami tal-premessi, l-uniku referenzi li saru kienu (i) fil-hames premessa fejn sar accenn li l-attur sofra esproprju ikbar ; (ii) fit-tmien premessa fejn sostnut li l-intimati ghadhom ma ddikjarawx li hemm htiega pubblika ghal dik il-fetha u (iii) fit-tnax-il premessa fejn inghad li dan kollu sehh biss ghall-interess specifiku u privat u mhux ghall-interess pubbliku.

Dan premess, din il-Qorti tara li l-azzjoni attrici hija fondata fuq il-ligi ordinarja biss, bazikament fuq l-Art 321 tal-Kap 16 li kien invokat mill-attur stess fin-nota ta` sottomissjonijiet tieghu.

Apparti ordnijiet ohra li l-Qorti ikun jidhrilha li ghandha taghti, il-Qorti qeghda tintalab tordna rilaxx tal-proprjeta lura lill-attur u l-likwidazzjoni tad-danni.

L-Art 321 tal-Kap 16 jittratta d-dritt ta` proprjeta` ta` sid li tista` biss tittiehdlu art ghal skopijiet pubblici jekk jinghata indenniz gust. U jidher li dik kienet il-bazi proprja ta` l-azzjoni tal-attur. Tant hu hekk li fit-tieni eccezzjoni taghha, l-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta eccepiet illi kollox sar ghal skopijiet pubblici u ghalhekk ma kellhiex tbati danni. Imbaghad fis-seba` eccezzjoni, l-istess Awtorita` eccepiet li l-art in kwistjoni kienet mehtiega ghal skopijiet pubblici u l-uzu li sar minnha dejjem kien wiehed legittimu ; dan sar in vista ta` l-elementi tal-Art 321 tal-Kap 16.

Il-Qorti tqis illi l-azzjoni ta` l-attur ma tinkwadrax bhala eccezzjoni skont l-Art 460(2) tal-Kap 12.

**Ghalhekk ladarba ma hemmx prova li kien sodisfatt dak li jipprovdi l-Art 460(1) tal-Kap 12, il-Qorti sejra tipprovdi ghan-nullita` tal-azzjoni attrici fil-konfront tal-Awtorita` tal-Ippjanar.**

iv. <u>Ir-raba` eccezzjoni ta` l-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta</u>

Kien eccepit illi l-Awtorita` koncernata mhijiex l-entita` li tikkonduci l-proceduri necessarji sabiex tkun tista` ssehh l-esproprjazzjoni li tkun tirrikjedi.

Ghalkemm huwa minnu illi huwa l-Kummissarju ta` l-Artijiet li ghandu s-setgha li jwettaq l-procediment li ghandu jwassal ghall-esproprjazzjoni ghal skopijiet pubblici, dan ma jeskludix l-involviment tal-Awtorita` koncernata. Fil-fatt kienu l-predecessuri ta` din l-Awtorita` li ghamlu l-asfaltar ta` l-*cul de sac.* (ara x-xiehda tal-Perit John Sciberras u d-dokument a fol 104). Inoltre kien id-Direttur tat-Toroq (hatra llum superata mill-Awtorita` tat-Trasport) illi talab l-esproprjazzjoni ta` l-art li ntuzat ghall-*water culvert.*

**Il-Qorti sejra tichad l-eccezzjoni.**

v. <u>L-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet ta` l-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta</u>

Jinghad illi l-attur kellu ghad-disposizzjoni tieghu rimedju illi jirrikorri quddiem il-Bord ta` l-Arbitragg dwar l-Artijiet qabel ipprezenta l-azzjoni odjerna.

Jinghad ukoll illi l-pretensjoni tal-attur illi sofra danni ingenti kagun tan-nuqqas ta` zvilupp tal-proprjeta` tieghu u li hallas spejjez inutilment ghal permess ghall-izvilupp, ma taqax fil-kompetenza ta` din il-Qorti.

Il-Qorti tikkondividi dak li kkonkludiet il-perit legali.

Meta tqis is-setghat li ghandu l-Bord ta` l-Arbitragg dwar Artijiet skont l-Art 25 tal-Kap 88, jirrizulta li l-Bord jista` jordna li jinghata pussess minnufih ta` art lill-awtorita` kompetenti u jordna t-trasferiment ta` art lill-awtorità kompetenti bi proprjetà assoluta jew b`dominju pubbliku.

Dan premess, ma jirrizultax illi l-Bord ghandu s-setgha li jordna li art tigi moghtija lura lir-rikorrenti, li kjarament ma jaqax fid-definizzjoni ta` "awtorita` kompetenti".

Wara li qieset it-talbiet li qed jaghmel l-attur fil-kaz tal-lum, il-Qorti tghid illi dawk it-talbiet mhux kompetenza tal-Bord. Fil-fatt il-Bord ma jistax jordna r-rilaxx ta` proprjeta` lill-attur. Lanqas ma jista` jillikwida *danni* li l-attur ighid illi garrab ; fil-fatt dak li jista` jaghmel il-Bord huwa illi jistabilixxi l-*kumpens* li ghandu jithallas skont id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza u ghal dan l-iskop jiddikjara jekk area hix art tajba ghall-bini jew hixraba` inkella moxa.

B`riferenza ghall-proceduri li kienu kondotti quddiem il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet fil-kawza : **<u>Kummissarju ta` l-Art vs Mario Dingli et</u>** li kienet deciza fl-14 ta` Frar 2008 (Dok TM 5) il-Qorti tirrileva illi dik kienet procedura dwar oppozizzjoni ghall-kumpens li kien offrut lill-attur tal-lum ghall-art li effettivament kienet esproprjata sabiex sar il-*water culvert.*

Il-kawza tal-lum tirrigwarda estensjoni **<u>ohra</u>** ta` art proprjeta` tal-attur illi ma kenitx esproprjata ; u li ghalhekk lanqas setghet tifforma parti mill-proceduri li ghalihom tirrferi t-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` fuq citata.

Tajjeb jinghad illi ghar-rigward tal-art mertu ta` din il-kawza, li ma kenitx utilizzata bhala *water culvert* izda konvertita fi triq jew *cul de sac*, ma kenitx utilizzata l-procedura skont il-Kap 88.

Ghalhekk bhala konsegwenza, l-allegat tehid ma sarx skont il-Kap 88.

U allura ma setghux isiru proceduri skont il-Kap 88.

**L-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet qeghdin jigu respinti b`dan illi dik il-parti tat-tieni eccezzjoni li tirrigwarda l-mertu sejra tkun trattata `l quddiem.**

**vi. <u>Il-mertu</u>**

**1. <u>Kronologija tal-fatti</u>**

Il-kwistjoni li ghandha quddiemha tirrigwarda art li saret *cul de sac.*

Irrizulta li fis-snin sittin, kienet approvata skema mfassla mill-PAPB li kienet simili ghal dak li llum jissejhu pjani lokali.

Fl-iskema (Dok OM 11) kienet ippjanata triq li kellha taghti minn Triq il-Kokka, San Giljan, ghall-Kunvent tas-Sorijiet Klarissi ; imbaghad kellha tibqa` sejra taqsam it-tul kollu tal-Monasteru tas-Sorijiet, sakemm tasal ghal Triq Mikiel Anton Vassalli, maghrufa wkoll bhala Regional Road.

Abbazi tal-provi, jirrizulta illi in segwitu kien hemm oggezzjoni ghall-iskema mis-Sorijiet Klarissi, bil-konsegwenza li eventwalment dik il-parti tat-triq li kienet tghaddi minn fuq il-proprjeta` tas-Sorijiet Klarissi tnehhiet mill-pjan ta` zvilupp.

Jirrizulta li fl-1989 harget skema gdida (Dok OM 12) fejn baqghet tidher progettata bhala triq dik il-parti biss li minn Triq il-Kokka kienet twassal ghad-dahla tal-proprjeta` tas-Sorijiet Klarissi.

L-awturi fit-titolu ta` l-attur ma pprezentaw l-ebda oggezzjoni ghal dawn l-iskemi.

Fil-21 ta` Lulju 1994, l-attur ressaq applikazzjoni ghall-bini ta` villa fi Triq il-Kokka. Hareg permess fl-1 ta` Dicembru 1994 bil-kundizzjoni 9(e) li tghid

: *all building works must be in accordance with the official alignment and proposed/existing finished road levels as set out on site by the Planning Directorate`s Land Surveyor* (Dok OM 7).

Fid-9 ta` Mejju 1995 (fol 64), saret talba mid-Direttur tat-Toroq lill-Kummissarju ta` l-Artijiet sabiex jibda l-process ta` esproprjazzjoni ta` art bl-iskop li jinbena *water culvert* minhabba ilmenti minn residenti li kienu joqghodu fil-vicin dwar hsara li dawn kienu qed isofru meta taghmel ix-xita.

Mhuwiex ikkontestat illi l-*water culvert* kien validatament esproprjat ghal skop pubbliku, billi rrizulta li fi Triq Kokka kien qed jingabar ammont kbir ta` ilma meta taghmel ix-xita. L-attur innifsu kien anke ghamel proceduri gudizzjarji sabiex jikkontesta l-quantum tal-kumpens wara l-esproprjazzjoni ta` 25 metri kwadri art li tiehdu sabiex sar il-*water culvert.* (ara : **Kummissarju ta` l-Art vs Mario Dingli et** : deciza fl-14 ta` Frar 2008).

Irrizulta li waqt li kien qed isir il-*water culvert* fl-196, sar ukoll il-*cul de sac* de quo u kienet asfaltata t-triq.

Intant l-attur kien diga` beda jaghmel skavar fl-art tieghu u li fuqha kien hareg permess ta` zvilupp, tant li fil-25 ta` Gunju 1996, hareg *enforcement notice* mill-Awtorita` tal-Ippjanar kontra tieghu (Dok OM 1) peress li skava `l barra mil-linja ndikata mill-ufficjali tal-Awtorita` ta` l-Ippjanar.

Irrizulta illi l-attur beda proceduri sabiex jattakka l-*enforcement notice.* B`sentenza tat-2 ta` Ottubru 2002, il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar iddecieda illi l-Awtorita` ma kien irnexxielha turi li l-attur odjern kien tassew qieghed jibni `l barra mil-linji ufficjali u allura rrevokat l-*enforcement notice* (Dok OM4).

Fit-23 ta` Jannar 2004, l-attur inghata linja safejn seta` jibni abbazi tat-inghatat skont it-*temporary provisional scheme* (Dok OM 17).

Fl-1 ta` Awissu 2008, l-attur ipprezenta ittra ufficjali kontra l-Kummissarju tal-Artijiet u l-Awtorita` dwar it-Trasport sabiex jigi kkompensat tal-fatt illi meta saret l-esproprjazzjoni fl-1995 ittiehdu 211 mk ta` art minn tieghu mhux 25 mk - kif inghad fid-dikjarazzjoni tal-President ta` Malta.

Wara l-ittra ufficjali saret kawza.

2. <u>L-ewwel talba</u>

Il-perit legali sostniet illi l-ewwel talba ta` l-attur ghandha tkun respinta.

Inghad illi ma tregix it-tesi tal-attur illi in vista tal-fatt illi parti mill-art proprjeta` tieghu kienet skemata bhala triq, u giet moghtija wicc bit-tarmak, dik ma baqghetx proprjeta` tieghu.

Kienu citati diversi sentenzi, fejn saret referenza ghal-ligi li kienet tghodd ghaz-zmien li fihom saru l-kawzi, ossija d-disposizzjonijiet tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta` Malta.

Inghad illi :-

(i) is-sidien ta` kull proprjeta` li tmiss direttament ma` triq li ma tkunx proprjeta` tal-Gvern jew il-persuni li jkollhom din il-proprjeta` b`enfitewsi jitqiesu bhala l-persuni li fethu din it-triq u li huma s-sidien taghha;

(ii) fejn it-triq tkun infethet mill-privat, il-privat ghandu d-dmir li jaghmel il-mantuenzjoni;

(iii) it-toroq li m` humiex tal-Gvern, malli jsir l-asfaltar taghhom u l-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern, kellhom jigu trasferiti lil Gvern filwaqt li l-ligi ma kinitx tikkontempla hlas ta` kumpens.

(iv) il-fatt li art giet asfaltata mill-Gvern ma taghmlux sid ta` dik l-art.

(v) huwa l-obbligu ta` zviluppatur ta` art li qabel ma` jibda x-xogholijiet ta` bini fuq l-istess art, jifforma l-wisa` tat-triq li tiffronta l-proprjeta` li tkun ser tigi zviluppata.

Din il-Qorti tirrileva illi r-Regolamenti dwar Toroq Godda u Xogholijiet f`Toroq (SL 499.57) hargu bl-Avviz Legali 29 tal-2010, u allura wara li kienet saret din il-kawza.

Madanakollu l-Qorti tosserva li kuntrarjament ghad-decizjonijiet citati, sabiex japplikaw il-principji li hargu mill-gurisprudenza, irid jigi ppruvat li t-triq saret mill-atur, u li t-triq saret ghall-beneficcju tieghu.

Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni ta` Gurisdizzjoni Generali fit-8 ta` Mejju 2009 fil-kawza **Emidio Azzopardi et vs Salvu Ellis et.**

Qabel mal-qorti hemm ghaddiet biex tqis id-disposizzjonijiet tal-Kap 10 ikkunsidrat il-kwistjoni ta` min ghamel it-triq u jekk it-triq kinitx ta` utilita` ghal proprjeta` tal-atturi u tal-konvenuti.

Inghad :-

*M'hemmx kontestazzjoni li:*

*(a) dawn it-toroq saru mill-konvenuti meta zviluppaw l-art li akkwistaw permezz ta` kuntratt li sar fl-4 ta` Awwissu 1979 fl-atti tan-nutar Dr Joseph Spiteri. L-art li fuqha gew iffurmati dawn it-toroq huma parti mit-titolu tal-konvenuti.*

*(b) Il-proprjeta` tal-atturi tgawdi jedd ta` moghdija minn dawn it-toroq1. Jirrizulta li l-konvenuti m`humiex jipprovaw ifixklu t-tranzitu tal-atturi li ghandhom proprjeta`.*

Fil-kaz tal-lum ma rrizultax illi t-triq jew *cul de sac* saret jew infethet mill-attur.

Dak li gara kien illi l-attur kien beda jiskava u jaghmel zvilupp fl-art kollha li fuqha kien hareg permess ta` zvilupp. Imbaghad twaqqaf minhabba *enforcement notice* mahrug kontra tieghu. Meta bdew ix-xogholijiet fuq il-*water culvert*, instab illi t-thaffir ma kienx se jaghti cans illi l-ilma jitlaq gol-culvert ghax il-livell kien aktar baxx. (ara x-xiehda tal-Perit John Sciberras). Il-Perit Sciberras stqarr illi huwa jaf illi l-attur kien haffer l-art sa fond ta` xi zewg sulari ; u kien halla kollox hesrem minhabba l-*enforcement notice* li kienet fis-sehh. Ighid illi d-Direttur tat-Toroq kien qallu li kien se jkollhom jibnu hitan u rdim sabiex seta` jkun iffurmat il-*cul de sac*.

Ghalhekk huwa evidenti illi din il-*cul de sac* giet iffurmata mill-haddiema tad-Dipartiment tat-Toroq u mhux mill-attur illi sa dakinhar kellu l-art tieghu skavata.

Apparti ghal dan il-fatt, jirrizulta wkoll illi l-attur diga` kellu *frontage* fuq it-triq principali u kien hallas il-kontribuzzjoni tieghu skont il-ligi ghat-triq.

Ghall-attur il-*cul de sac* ma kien ta` ebda beneficcju.

Il-Qorti tkompli tirreferi ghad-decizjoni fil-kawza <u>**Azzopardi et vs Ellis et**</u> (op. cit.) fejn saret riferenza ghal *schemed roads* :-

> *Ghalkemm mill-provi rrizulta li dawn it-toroq huma schemed roads, ma tressqux provi li saret il-procedura kontemplata fil-Kodici tal-Pulizija sabiex isiru proprjeta` tal-Gvern. (Qabel l-emendi li saru bl-Att XXIII tal-2000 kien hemm htiega li jsir att ta` trasferiment favur il-Gvern, biex it-triq issir tal-Gvern.) Ghalhekk m`hemmx dubju li dawn it-toroq m`humiex tal-Gvern……Hekk ukoll m`huwiex rilevanti l-fatt li f permessi tal-bini li nghataw il-konvenuti, kienet inkluza kundizzjoni li jridu jiffurmaw triq. It-triq xorta tibqa` tal-privat. ("Il permesso che il Governo concede a privati di aprire nelle loro terre nuove strade ed il controllo che esso esercita secondo la Leggi di Polizia nei lavori di costruzione di nuove strade aperte da privati non basta per trasferire la proprieta` delle strade cosi aperte al Governo, come non vi basta l`accesso del pubblico da solo. Non si prova che la detta strada, oggi chiamata Strada Magri aperta da Giuseppe Spiteri sopra suolo gia` di sua proprieta`, sia stata trasferita al Governo, ne` puo` oggi essere trasferita al demanio se non consentedovi il Governo." (***Annunziata Farrugia proprio et nomine vs Grazia Desira proprio et nomine et*** deciza fit-2 ta` Mejju 1923 – Vol. XXV.i.451). Hekk ukoll fil-kawza ***Nazzareno Sammut vs I.C.a. Carmelo Micallef nomine*** deciza mill-Qorti ta` l-Appell fil-21 ta` Marzu 1958 (Vol. XLII.i.135): "Jekk it-triq hija privata, ma jistax jinghad li saret pubblika ghax tkun ilha ghal zmien twil miftuha ghall-uzu pubbliku, jew ghax il-Gvern ikun ghamel fiha xi tiswijiet jew xi xogholijiet ohra, bhal ma huwa drenagg.".*

Hemm irrizulta illi l-*cul de sac* kien skemat izda qatt ma saret il-procedura kontemplata fil-Kap 10 sabiex issir proprjeta` tal-Gvern.

Ghad-differenza tal-kaz taht ezami, dik il-Qorti ma kellha l-ebda dubju li l-konvenuti ghamlu t-toroq ghall-utilita` taghhom peress li l-ftuh ta` dawk it-toroq kien il-bazi kollha tal-ispekulazzjoni min-naha tal-konvenuti, konsistenti fil-qasma u li tkun resa bhala fabbrikabbli l-art ta` l-biswit, li b`rizultat ta` dawk it-toroq, akkwistaw valur ferm iktar milli kellhom qabel.

Fil-kawza <u>**Azzopardi et vs Ellis et**</u> it-triq in kwistjoni baqghet inkluza fl-iskema ta` l-izvillup u baqghet intiza ghall-uzu ta` triq pubblika ; ghalhekk il-Qorti sostniet li :

*Minn qari tal-provvedimenti dwar toroq li nsibu fil-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija (Kap. 10) il-qorti hi tal-fehma li f kazijiet ta` toroq simili, cjoe` dawk li huma maghrufa bhala toroq progettati li qeghdin fl-iskema ta` zvilupp, tezisti* ***servitu` pubblika ta` uzu, li tikkonsisiti fit-tranzitu.***

*Tant dan hu minnu li l-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija (Kap. 10) jaghti l-jedd lill-awtorita` kompetenti sabiex twettaq xogholijiet fit-triq, minkejja li s-sit ikun tal-privat.*

*Il-qorti temmen li l-fatt li Triq ir-Rumani u Triq il- Kavallieri huma toroq progettati, l-iskop kien li tinholoq servitu pubblika ta` uzu. Servitu` li m`hemmx ghalfejn ikollha l-utilita` tal-fond dominanti, in kwantu tittratta minn piz impost fuq fond privat ghall-utilita` tal-kollettivita` tal-persuni. Din it-tip ta` servitu saret riferenza ghaliha fil-kawza* ***Anna Fava vs Giuseppe Portelli*** *deciza mill-Qorti ta` l-Appell fit-12 ta` Dicembru 1919 (Vol. XXIV.i.259) li l-meritu taghha kien ukoll jittratta dwar toroq:*

*"Che pero` quella condizione di aprire il vicolo o strada Sant`Anna, che era stata proposta dall stesso Vincenzo Fava a servizio del suo piano edilizio, non puo` aver l`effettto di trasferire la proprieta` del suolo della strada suddetta al demanio pubblico; essa, nella sua piu` lata estensione, potrebbe ammontare ad una costituzione volontaria di una* ***pubblica servitu` di uso*** *la quale sussisterebbe finche` durasse l`oggetto per cui fu costruito........".*

*.....Ghalkemm hu minnu li t-toroq jinfdu biss min-naha wahda ma` triq pubblika (Triq il-Qsajjem), m`hemmx dubju li t-toroq saru biex jaghmlu sehem minn post abitat li minnu jghaddi l-pubbliku ( Ara sentenza* ***Sac. Don Michele Vassallo vs Giuseppe Pullicino*** *deciza mill-Prim`Awla fis-27 ta` Ottubru 1883 (Vol. X.270) li jista` jkollok passagg pubbliku wkoll meta lpassagg ikun jinfed mat-triq min-naha wahda biss.). Skond il-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, triq tfisser "kull triq u tinkludi hara, sqaq, pjazza, fortifikazzjoni, jew lok iehor ta` passagg pubbliku.". Il-komportament tal-konvenuti kien tali li ghalkemm isostnu li ma kellhomx l-intenzjoni li bil-formazzjoni tat-toroq joholqu dritt ta` uzu pubbliku, b`mod volontarju poggew hwejjeg taghhom ghad-disposizzjoni tal-kollettivita` ghall-esigenza komuni. Interessanti losservazzjoni li ghamlet il-Qorti Kriminali fil-kawza* ***Il-Pulizija vs Carmelo Micallef et*** *deciza fit-3 ta` April 1937 li fejn sabet li triq kienet intiza "bhala vejkolu li jiffacilita l-kommunikazzjoni ma` toroq ohra principali ... jigi li dina ttriq irregolari fuq imsemmija ghandha taqa` taht ilkategorija ta` dawk li fid-Dritt Ruman kienu jissejhu* ***vicinales.****", fejn il-gurisprudenza tirrikonoxxi li jezisti* ***ddritt ta` tranzitu mill-pubbliku (Frank Attard vs Anthony Farrugia et*** *deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta` Jannar 2005).*

*Fid-dritt Taljan jezisti wkoll dan il-kuncett, "E` frequente la formazione di servitu` di uso pubblico, costituite per mezzo della c.d. dicatio ad patriam. Si presuppone il comportamento del proprietario, diretto, anche non intenzionalmente, all'effetto di dar vita a un uso pubblico, mettendo il suo bene a disposizione di una indeterminata comunita` di cittadini. Si pensi al sentiero che si lascia formare in un prato privato per raggiungere una localita`: e cio` non carattere di continuita` non precaria. La servitu` in questi casi si ritiene formata senza la necessita` di un atto legale ne` del decorso di un congruo periodo di tempo." (Istituzioni di Diritto Civile, G. TrabucchiEdizzjoni (2007), Cedam pagna 606.)*

Din il-Qorti tinsab rinfaccjata b`sitwazzjoni differenti.

Mill-banda l-ohra, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li minn snin qabel mal-attur akkwista l-art, din l-art kienet skemata bhala triq.

Huwa minnu li qabel ma kienet skemata sabiex twassal minn Triq il-Kokka ghal Regional Road izda mbaghad baqghet skemata sabiex twassal ghall-proprjeta` tas-Sorijiet Klarissi u baqghet hekk tintuza matul is-snin sabiex jinghata access ghall-pubbliku biex jidhol ghall-proprjeta` tas-Sorijiet Klarissi.

Din il-Qorti tqis illi fil-kaz tal-lum meta harget l-iskema tal-1989 (Dok OM12) il-*cul de sac* baqghet tigi progettata sal-parti biss li minn Triq il-Kokka twassal ghad-dahla tal-proprjeta` tas-Sorijiet Klarissi.

Ghalhekk fl-1 ta` Novembru 1991, meta l-attur akkwista l-art, il-*cul de sac* hekk kif inhu attwalment kien diga` progettat u allura l-attur kien messu asar jaf li parti mill-proprjeta li saret tieghu kienet ippjanata li jsir *cul de sac.*

Minkejja li kien jaf b`dan l-iskemar, ma jirrizultax illi l-attur qatt ha azzjoni sabiex tinbdiel l-iskema, minkejja li fuq il-permess kien hemm kundizzjoni esplicita illi x-xogholijiet kellhom isiru mal-*official alignment and proposed/existing finished road levels.*

Madanakollu jibqa` l-fatt li l-art proprjeta` ta` l-attur qed tintuza bhala *cul de sac* jew triq, bla ma qatt ma giet esproprjata, u minghajr ma qatt inghata kumpens lill-attur.

Din il-Qorti ma tarax li ladarba l-art ma nfethitx bhala triq mill-attur sabiex hu jibbenefika minnha, dik l-art tista` titqies li ghadha proprjeta` privata ta` l-attur.

Huwa minnu wkoll illi qatt ma sehhet esproprjazzjoni formali hekk kif rikjest ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Ghalhekk *jidher* li l-art baqghet privata.

Hawnhekk jidhol l-<u>Art 321 tal-Kap 16</u> li kien invokat mill-attur :

*Hadd ma jista` jigi mgieghel jitlaq minn idejh il-proprjeta` tieghu jew ihalli li haddiehor jaghmel uzu minnha, hlief ghal skop pubbliku, u bil-hlas ta` indennizz gust.*

Fis-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri fis-17 ta` Ottubru 2008 fil-kawza **<u>Emanuel Camilleri vs Direttur ta` l-Artijiet</u>** saret referenza ghal dak li kien inghad fid-decizjoni li tat il-Qorti tal-Appell fit-28 ta` Ottubru 1968 fil-kawza "**<u>Dottor Vincenzo Depasquale *nomine* -vs- Francesca mart Michele Aquilina</u>**" :-

*(i) Ma hemmx dubju illi, idealment, il-kumpens illi jmissu jithallas ghall-esproprijazzjoni ta` proprjeta` jmissu jkun gust;*

*(ii) Effettivament,* ***ghall-esproprijazzjoni ta` oggetti li ma jaqghux taht l-Ordinanza, hekk ghadu s`issa jiddisponi l-Artikolu 358 (illum 321) tal-Kodici Civili bir-riferenza li jaghmel ghall-"indenniz gust";***

*(iii) Il-Kostituzzjoni ta` Malta wkoll tesigi illi lkumpens ghandu jkun "adegwat". Izda bl-istess Kostituzzjoni gew "saved" il-ligijiet li kienu fis-sehh meta dahhlet in vigore. Inter alia, allura wkoll, l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta` Artijiet ghal Skopijiet Pubblici.*

(enfasi ta` din il-qorti).

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fil-15 ta` Jannar, 2007 fil-kawza **<u>Perit Arkitett Joseph Barbara v. Kummissarju ta` l-Art</u>** inghad :-

*"Is-sentenza tal-Judicial Committee tal-Privy Council fl-ismijiet Francesca Aquilina vs Dottor Ugo Depasquale citata mill-konvenut ikkonfermat is-sentenza ta` l-Onorabbli Qorti ta` l-Appell tat-28 ta` Ottubru 1968 flismijiet inversi u interpretat l-Artikoli 16, 17, 25(1)(b) illum rispettivament 17, 18 u 27 tal-Kap. 88 u l-Artikolu 358 illum 321 tal-Kap. 16 ta` l-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta` Malta 1984;*

*Fis-sunto tas-sentenza nsibu riportat li s-sentenza rriteniet:*

*""... (2) That section 16 of the Ordinance did not abrogate Section 358 of the Civil Code for that section provided for the expropriation of property for public purposes which were not included within the provisions of the Ordinance";*

*...*

*"Dwar humiex applikabbli d-disposizzjonijiet ta` l-Artikolu 258(321) tal-Kodici Civili nsibu li fil-parti disposittiva tas-sentenza tghid :*

*""Their Lordships agree with the majority judgement of the Court of Appeal of Malta that giving effect to Section 16 does not invoke that Section 358 of the Civil Code has no effect. That Section still provided for the expropriation of things which do not fall within the Ordinance. It is cut down by Section 16 but not abrogated.*

*....*

*"Illi ghalhekk mis-sentenzi succitati jirrizulta li d-disposizzjonijiet ta` l-Artikolu 358(321) tal-Kodici Civili ma japplikax ghall-kaz in disamina u dan ghar-ragunijiet u motivazzjonijiet migjuba fis-sentenzi citati moghtija mill-oghla tribunali tal-pajjiz ta` dak iz-zmien u li din il-Qorti ma ssibx li ghandha gustifikazzjoni li tiddipartixxi minnhom."*

Il-Qorti ta` l-Appell osservat illi hekk kif impostata l-ewwel talba ta` l-attur skont l-Art 321 tal-Kap 16 ma setghetx tregi.

Inghad :

*14. Bl-ewwel domanda tieghu l-attur qieghed jitlob li din il-Qorti tiddikjara li huwa intitolat ghall-indennizz gust skond l-Artikolu 358 tal-Kodici Civili. Fil-fehma konsiderata ta` din il-Qorti, l-ewwel Qorti kienet korretta meta ma laqghetx din l-ewwel domanda ta` l-attur ghaliex bil-promulgazzjoni tal-ligi specjali cioe` ta` l-Ordinanza, dana l-artikolu ma baqax applikabbli ghall-akkwist ta` artijiet ghal skopijiet pubblici. Minflok, l-indennizz gust li kellu jithallas ghal tali akkwist kellu jsir skond il-kriterji stabbiliti fl-imsemmija Ordinanza. Ghalhekk id-domanda, kif redatta fl-att taccitazzjoni, ma tistax tintlaqa`. Irid, madanakollu jinghad, li l-appellant f din il-kawza iddelinea l-isfond storiku taddispozizzjonijiet relevanti ta` l-Ordinanza u wera (ara fol. 137 u 138 tal-process) li l-istess dispozizzjonijiet originaw u idderivaw mill-imsemmijja dispozizzjoni tal-Kodici Civili b`mod li skond it-tezi ta` l-appellant, dana l-Artikolu 358, li jistabbilixxi kriterji ta` kumpens gust, baqa` jispira u janima*

*lil-legistlatur meta ppromulga u baqa` jzomm fis-sehh l-istess Ordinanza. Tezi din li ma tidhirx li hija skorretta.*

Fil-kaz tal-lum, il-Qorti m`ghandhiex talba sabiex tillikwida l-indenniz ai termini ta` l-Art 321 tal-Kap 16, bhal ma kien il-kaz fil-kawza appena citata.

Dak li qed jigi kkontestat fil-kaz tal-lum huwa illi ttiehdet art proprjeta` ta` l-attur, minghajr il-kunsens tieghu, u minghajr ma nghata ebda tip ta` kumpens, bil-konsegwenza li skont l-attur kien vjolat l-Art 321 tal-Kap 16. Ghalhekk talab ir-radd lura ta` l-art u l-hlas ta` ***danni*** (mhux indenniz gust).

Din il-Qorti tara illi fejn ma hemm l-ebda esproprjazzjoni skont dak li jipprovdi l-Kap 88, izda fl-istess hin hemm art tieghu li kienet qeghda tintuza ghal skopijiet allegatament pubblici, l-atur ghazel li jipproponi azzjoni skont l-Art 321 tal-Kap 16 fit-tentattiv li jigi moghti lura l-jedd ta` proprjeta` tieghu u jithallas tad-danni.

Jinghad li fic-cirkostanzi ta` dan il-kaz, tirriprendi l-vigur taghha d-disposizzjoni generali fl-Art. 321 tal-Kap 16.

Fl-ezami tal-Art 321 tal-Kap 16, il-Qorti hadet konjizzjoni tas-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell fit-23 ta` Settembru 2009 fil-kawza **Alfred J. Baldacchino v. Kummissarju ta` l-Artijiet et.**

Il-kawza kienet tittratta talba ghall-hlas ta` danni peress li l-procedura ta` esproprjazzjoni giet imwaqqfa, u l-kuntratt tal-akkwist mas-sidien baqa` qatt ma sar. Kienet kawza ntavolata bil-procedura ordinarja mhux kostituzzjonali. Saret referenza ampja ghad-decizjoni li kienet tat il-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta` April 1996 fil-kawza "**Onorevoli Perit Dominic sive Duminku Mintoff et vs l-Onorevoli Prim Ministru in rappresentanza tal-Gvern ta` Malta et**" fejn kien inghad hekk :-

> *"Fil-konsiderazzjonijiet taghha ta` dritt fuq l-allegat vjolazzjoni ta` l-art 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, din l-istess Qorti qalet :*
>
> *…*
>
> *"02. Mhux kontestat illi hu l-Gvern li ghandu jkun l-arbitru finali ta` fejn l-ahjar kellha tigi sitwata l-Power Station u kif kellha tigi generata l-energija elettrika mehtiega ghall-gid komuni. Ghal din il-fini l-interessi tal-privat ghandhom u kellhom necessarjament*

*icedu quddiem l-interess suprem generali tal-kollettivita`. Il-Gvern hu pjenament fid-dritt tieghu li, jekk mehtieg, jesproprija l-proprjeta` tac-cittadini ghal dan il-fini pubbliku. Dritt universalment rikonoxxut. Hadd ma hu qed jikkontesta ghalhekk il-validita` ta` l-Ordni ta` Espropriazzjoni tal-proprjeta` li fuqha attwalment giet mibnija l-Power Station.* ***Art esproprijata ghall-skopijiet pubblici skond il-ligijiet tal-pajjiz minn ghand sidien li ghandhom id-dritt li jigu kompensati ghat-tehid taghha. "Hadd ma jista` jigi mgieghel jitlaq minn idejh il-proprjeta` tieghu jew ihalli minn idejh lil haddiehor jaghmel uzu minnha, hlief ghal skop pubbliku bil-hlas ta` indennizz gust" (Artikolu 321 tal-Kodici Civili)***

*....*

***"Fil-kaz tal-konjugi Mintoff ma kienx hemm esproprjazzjoni tal-proprjeta` taghhom. Izda wara konsiderazzjoni tal-gurisprudenza relattiva, u senjatament dik tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li kienet sart esproprjazzjoni de facto u li ghalhekk kien gie vjolat id-dritt fondamentali taghhom ta` tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom kif sancit fl-Ewwel Artikolu ta` l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja."***

Fil-kawza <u>**Alfred J. Baldacchino v. Kummissarju ta` l-Artijiet et**</u> il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti.

L-Ewwel Qorti kienet qalet hekk :-

*Dwar l-eccezzjonijiet tal-Kummissarju ta` l-Art u d- Direttur tax-Xoghlijiet inghad li ghalkemm l-espropriazzjoni skond id-disposizzjonijiet tal-**Kap 88** baqghu ma sarux, u ghalhekk l-attur baqa` proprjetarju ta` l-art mertu tal-kawza odjerna, pero` gie ritenut li l-fattispecie tal-kaz tal-konjugi Mintoff huma applikabbli interament ghall-kaz odjern, li* ***ghalkemm il-Kummissarju ta` l-Artijiet ma akkwistax l-art ta` l-attur, saret espropriazzjoni de facto.***

*"Illi ghalhekk tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz ma hemm l-ebda dubju li l-istess attur ghandu jinghata kumpens adegwat biex jaghmel tajjeb ghad-dannu li huwa sofra bit-telf ta` valur jew deprezzament tal-proprjeta` tieghu kkawzat bl-agir illegati tal-konvenuti..."*

Min-naha taghha, il-Qorti ta` l-Appell qalet hekk :-

*F'dan il-kaz, il-prudenza kienet tirrikjedi li l-konvenuti jghaddu u jiffinalizzaw it-tehid tal-proprjeta` appartenenti lill-attur, u li dan jinghatalu kumpens adegwat. Minflok gara bil-maqlub: l-ewwel beda l-process ghat-tehid, imbaghad dan il-process thalla jitkarkar bla direzzjoni biex, finalment, tregga` kollox lura ghal dak li hu lesproprju tal-art tal-attur, filwaqt li l-progett baqa` jigi esegwit xorta wahda. Fic-cirkostanzi allura, kif gia` qalet il-Qorti aktar qabel, kien jinkombi fuq il-konvenuti li jaraw u jizguraw li ma ssirx hsara lill-proprjeta` tal-attur. Jirrizulta izda li gara sewwa sew bil-maqlub u l-hsara kkagjonata kienet wahda ingenti.*

Il-Qorti ghaddiet biex tat rimedju civili ghall-fini ta` risarciment ta` danni skont il-ligi ordinarja kif invokat mill-attur, stante li danni tassew irrizultaw u kienu ppruvati.

**Fl-isfond tal-premess, din il-Qorti tghid illi l-hames eccezzjoni tal-Kummissarju ta` l-Artijiet ma tregix.**

Dan qed jinghad ghaliex fil-kaz tal-lum minkejja li ma kenitx saret esproprjazzjoni ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, jidher li kien hemm tehid *de facto* billi l-attur spicca bi proprjeta` tieghu mehuda ghal allegati skopijiet pubblici minghajr ma nghata ndenniz gust, kif ighid l-Art 321 tal-Kap 16.

Fil-kaz tal-lum, it-triq ma saritx mill-attur li jidher illi oppona ghaliha peress li kien anke applika ghal permess fuq dik l-art u kien beda jaghmel xoghol ta` zvilupp fuq l-istess art, li fuqha kien hareg permess mill-MEPA.

Perit John Sciberras fl-affidavit tieghu xehed :-

"*Mario Dingli kien haffer din l-art u l-art adjacenti kollha ghall-fond ta` xi zewg sulari u kien halla kollox hekk ghax waqaf hesrem. Dan it-thaffir ma kienx allura ser jaghti l-possibilita` li l-ilma jitlaq golculvert ghax il-livell kien aktar baxx.*

*Id-Direttur tat-Toroq kien irrispondini illi dak it-thaffir mhux suppost sar, gahx skond il-permess tal-MEPA li kien hareg ghal dak is-sit, l-izviluppatur kellu jirrispetta l-allinjament tal-cul de sac kif approvat fl-iskema tat-toroq. Aktar minn hekk, kellu skont l-istess permess, jifforma l-istess cul de sac u jlestih ghal-livell mehtieg mill-istess skema tat-toroq.* ***Niftakar li kien qalli li ghaldaqstant, id-dipartiment tat-toroq kien ser ikollu jibni hitan gholjin u jordom biex jiffirma hu da nil-cul de sac .*** *Niftakar li kien qalli wkoll li mhux talli ma hassx li kellu jitlob l-esproprju ta` dik l-art li llum tifforma l-cul*

*de sac imma talli kien qieghed jikkunsidra jekk id-dipartiment kellux jibgaht kont lis-sid ta` l-art ghall-ispejjez zejda li kellu jidhol ghalihom id-dipartiment tat-toroq kawza l-agir tas-sid."*

(enfasi ta` din il-qorti)

Ghalhekk ma jistax isir l-argument illi l-art baqghet tal-attur, peress li mill-provi rrizulta li ma kienx hu li ghamel it-triq, u lanqas kien hu li ghamel it-triq biex jibbenefika minnha ghall-izvilupp tal-proprjeta` tieghu. Jidher illi kienu l-awtoritajiet pubblici li bnew it-triq fuq art tal-attur minghajr il-kunsens tal-atur, u minghajr ma kienet esproprjata l-art. Huwa minnu li l-awtoritajiet pubblici huma awtorizzati li jiehdu hsieb toroq pubblici jew privati li jkunu diga` saru, izda ma jistghux jibnu toroq minghajr ma jakkwistaw is-sit fejn tkun saret it-triq jew minghajr ma jibdew il-proceduri ta` l-akkwist.

Mhuwiex argument sostenibbli meta jinghad illi dak li sar kien ghall-beneficcju tal-atur ghaliex iffranka li jaghmel xogholijiet li suppost ghamel hu a spejjez tieghu. Apparti li l-argument mhux sorrett bi provi, din il-Qorti tqis illi ladarba l-art kienet skemata bhala triq, kien jinkombi fuq l-awtoritajiet pubblici li jiehdu passi biex jesproprjaw l-art u jiffurmawha fi triq hekk kif fil-fatt sar meta kienu qed jibnu l-*water culvert*. Barra minn hekk, anke jekk verament kien jinkombi fuq l-attur li jifforma t-triq spejjez tieghu, l-awtoritajiet pubblici ma setghux jaqbdu u jaghmlu x-xoghol huma stess minghajr ma jiehdu ta` l-anqas il-kunsens ta` l-attur bhala s-sid ta` l-art.

**Ghalhekk, anke l-hames eccezzjoni tal-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta ma tistax tregi.**

Ladarba kien hemm toroq skemati, l-awtoritajiet pubblici kellhom jipprocedu bil-procedura appozita tal-espropriju tal-art. Il-fatt illi kien hemm triq skemata ma jaghtix setgha lill-awtoritajiet pubblici li jaghmlu t-triq jew *cul de sac* minghajr ma jsirx espropriju ta` l-art jew ta` l-inqas jinkiseb il-kunsens tas-sid ta` l-art.

**Madanakollu, is-sitwazzjoni hija illi l-art mertu ta` din il-kawza ghadha skemata bhala triq fil-pjan lokali attwali, u ghalhekk sakemm tibqa` hekk skemata, din il-Qorti ma tistax tordna r-rilaxx ta` l-art favur l-attur.**

**L-attur ilu konsapevoli li din l-art hija skemata bhala triq u minkejja dan ma ghamel l-ebda proceduri sabiex l-art titnehha mid-desinjazzjoni taghha ta` triq jew *cul de sac*. Fil-fatt hemm proceduri apoziti x`jistghu jsiru sabiex triq ma tibqax skemata.**

**Ghalhekk ghalkemm l-Qorti tara li sehhet esproprjazzjoni *de facto* ta` l-art tal-attur ma tistax tilqa` l-ewwel talba attrici.**

Din il-Qorti ma ghandhiex talbiet quddiemha biex tordna skemar differenti ta` l-art in kwistjoni sabiex ma tibqax progettata triq fuq dik l-art.

Lanqas ma ghandha quddiemha xi talba relatata mal-procedura ta` esproprjazzjoni.

It-talba li ghandha l-qorti hija sabiex tordna r-rilaxx tal-art favur l-attur, mhux illi l-art tittiehed mill-awtoritajiet.

Din il-Qorti tghid illi jekk l-attur jidhirlu illi ma hemmx htiega pubblika ghat-triq, u li ghalhekk l-iskemar ta` dik it-triq huwa hazin, huwa ghandu jezercita b`dawk il-parametri. Il-pozizzjoni attwali hija li dik it-triq ghadha skemata bhala tali fil-pjan lokali u huwa biss fil-kaz illi ma tibqax, li jista` l-attur jitlob li jiehu lura l-art. Talbiet ta` din ix-xorta ma sarux.

**In vista ta` dan il-pronunzjament, il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tidhol ghall-ezami tas-sitta u tas-seba` eccezzjonijiet ta` l-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta.**

3. <u>It-tieni talba</u>

**Kontra t-tieni talba, kienet eccepita l-preskrizzjoni tas-sentejn skont l-<u>Art 2153 tal-Kap 16</u> kemm mill-Kummissarju tal-Artijiet, mill-Awtorita` dwar it-Trasport f`Malta kif ukoll mill-Awtorita` tal-Ippjanar.**

L-attur issottometta li ma tirrizultax il-preskrizzjoni eccepita peress li d-danni pretizi huma danni kontemplati fil-Kostituzzjoni li allura mhux soggetti ghal preskrizzjoni – lanqas tas-sentejn.

Din il-Qorti tishaq illi kif impostata, il-kawza ma ntalabx rimedju ghall-vjolazzjoni ta` dritt fondamentali.

Il-kawza giet msejsa - kif qal l-attur f`parti ohra tan-nota ta` sottomissjonijiet tieghu - abbazi ta` l-Art 321 tal-Kap 16.

Kif inghad fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-22 ta` Mejju 2002 fil-kawza <u>Vella Laurenti et Vs Mapa Holdings Limited</u> :-

> *"Jekk b`dak ix-xoghol ghamlu hsara lis-socjeta` konvenuta kienet hsara ex delicto u mhux minhabba inadempiment kuntrattwali, ghax ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet ma tolqotx xoghlijiet fuq l-art. L-ghemil ta` l-atturi kien mhux ksur tal-kuntratt izda* ***tal-jedd in re tas-socjeta` konvenuta bhala sid ta` l-art taht l-Artikolu 321 tal-Kodici Civili****; l-fatt illi hemm relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet ma jfissirx illi kull hsara li ssir tkun bilfors konsegwenza ta` inadempiment ta` xi obbligazzjoni li tohrog mill-kuntratt. Billi l-ghemil ta` l-atturi, ghalkemm illecitu, ma kienx reat, il-preskrizzjoni li tolqot l-azzjoni relattiva hija dik taht l-Artikolu 2153."*

F` dik il-kawza, saret kontrotalba fejn is-socjeta` konvenuta talbet il-hlas ta` danni ghaliex ippremettiet illi waqt li l-atturi kellhom ghandhom l-art li kellha tinbiegh, ghamlu fuqha xogholijiet ta` tqattigh ta` blat li nvolvew lis-socjeta` konvenuta fi spejjez zejda.

Il-kawza kienet imsejsa fuq l-Art 321 tal-Kap 16, u l-Qorti hemm qieset illi l-preskrizzjoni applikabbli kienet dik skont l-Art 2153 tal-Kap 16 peress illi hemm il-kwistjoni ma kenitx ta` danni kontrattwali.

Il-linja ta` hsieb ta` din id-decizjoni jghodd ghall-kawza tal-lum.

Id-danni reklamati mill-attur huma mibnija fuq l-allegazzjoni li l-konvenuti jew min minnhom qabdu u dahlu fuq l-art tieghu minghajr ma mexxew process ta` esproprjazzjoni formali.

L-attur ma jistax jishaq li ladarba huwa qed jitlob li jinghata lura l-art, allura l-azzjoni ghandha preskrizzjoni ta` tletin sena.

Dak l-argument seta` jkun siewi fir-rigward ta` l-ewwel talba attrici izda mhux fir-rigward tat-tieni talba attrici hekk kif giet imqajjma mill-intimati.

Infatti t-tieni talba hija dwar id-danni li l-attur allegatament sofra minhabba l-agir delittwali tal-intimati jew min minnhom u per tanto d-disposizzjoni applikabbli hija l-Art 2153 tal-Kap 16.

L-attur ghamel l-argument li hu beda din il-kawza inqas minn sentejn wara l-eghluq tal-procedura quddiem il-Bord ta` l-Arbitragg dwar l-Artijiet fl-ismijiet **<u>Kummissarju ta` l-Art v Mario Dingli</u>**. Sostna li huwa kien semma l-mertu ta` din il-kawza f` dawk il-proceduri izda l-Bord irrifjuta li jidhol f` dak il-mertu. Dan l-argument bl-ebda mod ma tassisti lill-attur fid-difiza tieghu kontra l-preskrizzjoni eccepita. Dawk il-proceduri kienu jirrigwardaw il-kumpens li kien inghata lilu fir-rigward tal-esproprjazzjoni ta` l-art ghal *water culvert* b`kejl ta` 25 metri kwadri. Dawk il-proceduri assolutament ma kellhomx x`jaqsmu xejn mal-art mertu ta` din il-kawza..

Lanqas ma jregi l-argument tal-attur li huwa ma kienx jaf min kien ha l-art u ghalhekk ma setax ikun jaf x`kien gara u kontra min kellu jiehu l-azzjoni.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza citata mill-perit legali u anke ghal dik ikkwotata minn uhud mill-intimati fin-noti ta` sottomissjonijiet taghhom.

Fis-sentenza li tat fil-15 ta` Frar 1965 fil-kawza **<u>Diego Attard vs Angelo Fenech</u>** il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

> *It-tieni punt sottomess mill-appellanti huwa illi huma ma setghux jiskopru n-nuqqasijiet lamentati, qabel certu zmien wara l-gheluq tas-sena in kwistjoni…. Ghalhekk iz-zmien tal-preskrizzjoni ma setax jibda jiddekorri kontra taghhom. Contra non valentem agere – qalu l-appellanti – non currit praescriptio.*
>
> *Il-principju rakkuz f din l-aforizma jidher li kien jircievi mill-Qrati u d-dottrina applikazzjoni l-aktar svarjata ghal kull xorta ta` impediment ta` dritt jew ta` fatt, fiz-zmien anterjuri ghall-modifikazzjoni tal-ligijiet dwar il-preskrizzjoni. Fi zmien posterjuri qamu dissensi kbar dwar il-validita` u l-applikazzjoni tieghu. Kien hemm dawk li nnegawlu b`mod assolut kwalunkwe effikacja in kwantu ma rrikonoxxewx hlief l-impedimenti espressament miktuba fil-ligi (e.g. Laurent Vol. XXXII para 39 et seq.). Ohrajn, bhal Giorgi, (Vol VIII para 245 et seq.) illimitaw l-applikazzjoni tieghu ghall-impedimenti ta` natura guridika jew legali biss, u mhux ukoll ghall-ostakoli merament ta` fatt huma x`inhuma. Ohrajn, fl-ahharnett, akkoljew dak il-massima tradizzjonali relativament tant ghall-ostakoli ta` fatt u rriducew il-kwistjoni ghar-ricerka tal-limiti li fihom setghat, konsistentement mal-ligi, tigi applikata. Fost dawn tal-ahhar kien hemm Pugliese (Prescrizione Estintiva, 1914 para 96-97). Hu ghallem illi d-determinazzjoni tal-konfini li fihom il-massima topera mhix vinkolata "ad una misura preventivamente stabilita ed inflessibile, ma varia da caso a caso, da luogo al luogo, da tempo a tempo ". Izda hu necessarju illi si tratta, f kull kaz,* ***ta` vera forza magguri:*** *"quindi apparisce anzi tutto necessario che*

*l'impedimento sia di tale energia da togliere in modo assoluto la possibilita` di agire. La difficolta anche massima non puo` bastare. . . . . .La impossibilita di agire deve essere indipendente dalla volonta del titolare del diritto, deve cioe` derivare da una causa a lui estranea, che egli non possa rimuovere e alla cui azione non possa sottrarsi. Quando concorrono cotali requisiti, l'impedimento fa luogo alla sospensione della prescrizione con tutti i relative effetti.*

*Quddiem il-Qrati taggna, il-kwistjoni ma tidhers illi pprezentat ruhha ghad-decizjoni formali drabi bizzejjed biex jista` jinghad illi giet stabbilita gurisprudenza f'sens milli pjuttost f'iehor minn dawk hawn fuq imsemmija. Jidher pero` li jista` jinghad b'certa assigurazzjoni illi l-Qrati taghna urew ruhhom disposti li jaghtu effett lill-massima "contra non valentem agere " almenu zgur ghal dawk li huma impedimenti ta` dritt (cfr. e.g. Bianco vs Demarco App. Kummerc. 2.6.1930 u Koludioviah vs Muscat App. Kummer` 1.6.1959).*

<u>*Ghandu jigi osservat illi l-ligi taghna,* **b`disposizzjoni espressa,** *tiddisponi bhala regola generali illi l-preskrizzjoni ta` azzjoni tiddekorri mill-gurnata li fiha dina l-azzjoni tista` tigi esercitata. Din hi raguni ghaliex ghandha tigi gwardata b`cirkospezzjoni d-dottrina u l-gurisprudenza estera bazati fuq ligijiet fejn m`hemmx disposizzjoni espressa simili.*</u> (sottolienar mizjud).

*Fil-kaz prezenti l-Qorti ma thossx il-bzonn li tiddeciedi definitavment jekk, skond il-ligi taghna ghandhomx ukoll jigu ammessi, bhala kawza oggettiva ta` sospensjoni tal-preskrizzjoni, l-impedimenti ta` fatt. Tista` pero` tghid illi, anki jekk dawn huma ammessi, dan zgur ma jistax ikunu oltre l-konfini traccjati minn Pugliese kif imsemmi hawn fuq.*

*Jekk stess g]all-kaz taghna tigi applikata din id-dottrina – li hija l-iktar wahda favorevoli ghall-appellant - jidher, b`danakollu, car mill-ewwel, li ma tistax, fl-ebda sens veru; jinghad illi kien hemm* ***impossibilita`*** *li jagixxu, impossibilita` indipendenti mill-volonta` taghhom dovuta ghal kawza estranea li huma ma setghux jirrimwovu. Is-semplici injoranza tad-dritt, fiha nnifisha, mhix impediment ta` din ix-xorta.*

*-omissis –*

*Kieku kienu attenti l-appellanti setghu anki nterrompew il-preskrizzjoni* (billi) *prezentaw ittra ufficjali . . . . .rimedju provdut fl-artikolu 894 tal-Pro`edura Civili* (illum art. 891 Kap 12)*: imma l-anqas dan ma sar.*

Fis-sentenza li tat fit-2 ta` Gunju 2003 fil-kawza **Lapira vs C&A Company Ltd** il-Qorti tal-Appell qalet :-

> *Il-ligi taghna b`disposizzjoni espressa tiddisponi bhala regola generali illi l-preskrizzjoni ta` azzjoni tibda` tghaddi mill-gurnata li fiha l-azzjoni tista` tigi ezercitata (art. 2137 tal-Kodici Civili). L-osservazzjoni ta` din ir-regola hi wahda bazika, tant li jinstab insenjat illi l-impossibilita` li wiehed jagixxi trid tkun impossibilita` indipendenti mill-volonta` tieghu, dovuta ghal kawza estranea, li huwa ma setax jirrimwovi (XLIX.i.500).*

Fis-sentenza li tat fit-12 ta` Mejju 2003 fil-kawza **Mario Testa vs Alfred Theuma et** il-Qorti tal-Appell iccitat lil Giorgi (Obbligazioni, VIII p.594) illi l-*initium praescriptionis* jibda mill-*exordium obligationis* cioe` meta l-kreditu jibda jsir esigibbli. Il-perjodu ta` preskrizzjoni jibda miexi lejn it-tmiem tieghu sa mit-twelid tal-obbligazzjoni. L-obbligazzjoni titwieled meta tkun tista` tigi effettwata.

Ix-xjenza o meno tal-kreditur hija kompletament irrilevanti. Kif enunzjat b`awtorita` minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fil-kawza **Bomber Ltd vs Valtex Ltd** deciza fit-13 ta` Ottubru 2004 m`humiex ta` ostaklu impedimenti ta` fatt izda biss impedimenti li joriginaw mil-ligi. L-impedimenti ta` fatt huma biss eccezzjonali u kkontemplati mil-ligi stess. B`mod partikolari hija ghal kollox irrileventi x-xjenza o meno tal-kreditur dwar l-avveniment tal-fatt li minnu bdiet tiskatta l-preskrizzjoni.

Ghaldaqstant kull terminu ta` preskrizzjoni jibda jiddekorri minn dakinhar li tkun tista` tigi ezercitata l-azzjoni ghad-danni u dan it-terminu jista` jigi sospiz biss fil-kaz li jkun hemm impediment ta` dritt u mhux impediment ta` fatt a tenur tal-principju li *contra non valentum agree non currit praescriptio.*

Fil-kaz tal-lum, irrizulta li l-kostruzzjoni tat-triq saret fl-1996 ossija fiz-zmien meta kien mibni wkoll il-*water culvert.* L-attur kien jaf b`dan tant illi fir-rikors promotur, huwa jippremetti li meta twettqet l-esproprjazzjoni tal-1995 il-Gvern hadlu bicca art li hija ikbar minn dik li kien hemm deskritta fid-Dikjarazzjoni tal-President tal-31 ta` Ottubru 1995. Inoltre huwa kien gie notifikat b`*enforcement notice* fil-25 ta` Gunju 1996 fejn gie mwaqqaf milli jkompli bl-izvilupp tieghu. Minkejja dan, kien biss fl-2008, precizament fl-1 ta` Settembru 2008 (fol 12) li huwa pprezenta ittra ufficjali. Madanakollu, meta saret l-ittra ufficjali, it-terminu ta` preskrizzjoni kien diga` ghadda.

Ghalhekk il-Qorti qeghda tiddikjara preskritta t-tieni talba abbazi tal-Art 2153 tal-Kap 16.

Fic-cirkostanzi ma hemmx htiega illi tqis l-eccezzjonijiet l-ohra li jirrigwardaw it-tieni talba.

Decide

Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-

In kwantu ghar-risposta guramentata tal-konvenut Kummissarju tal-Artijiet :

Tichad ir-raba` eccezzjoni.

Tilqa` l-hames u d-disa` eccezzjonijiet ; ghalhekk tichad l-ewwel talba fil-konfront tal-konvenut Kummissarju tal-Artijiet.

Tilqa` s-sitt eccezzjoni u tiddikjara preskritta t-tieni talba fil-konfront tal-konvenut Kummissarju tal-Artijiet a tenur tal-Art 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

Konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra.

In kwantu ghar-risposta guramentata tal-konvenut Avukat Generali :

Tilqa` l-ewwel eccezzjoni, u ghalhekk tillibera lill-konvenut Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju.

Konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra.

In kwantu ghar-risposta guramentata tal-konvenuta Awtorita` ghat-Trasport f`Malta :

Tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet.

Tilqa` t-tielet eccezzjoni, u ghalhekk tichad l-ewwel talba.

Tilqa` l-eccezzjoni ulterjuri, u tiddikjara preskritta t-tieni talba fil-konfront tal-konvenuta Awtorita` ghat-Trasport f`Malta a tenur tal-Art 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

Konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra.

In kwantu ghar-risposta guramentata tal-konvenuta li llum hija l-Awtorita` tal-Ippjanar :

Tipprovdi dwar l-ewwel eccezzjoni billi tiddikjara bhala mhux regolari u nulla l-azzjoni attrici fil-konfront tal-istess Awtorita` abbazi tal-Art 460 tal-Kap 12. Ghalhekk tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.

Konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra kollha, inkluza l-eccezzjoni ulterjuri.

Tordna lill-attur sabiex ihallas l-ispejjez tieghu u dawk tal-konvenut Avukat Generali u tal-konvenuta Awtorita` tal-Ippjanar.

Tordna lill-konvenut Kummissarju tal-Artijiet u lill-konvenuta Awtorita` ghat-Trasport f`Malta sabiex ihallsu l-ispejjez taghhom.

Onor. Joseph Zammit McKeon
Imhallef

Amanda Cassar
Deputat Registratur